# DAWL FRANĠISKAN

GĦADD 390 • MEJJU 2019 • ID-39 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



"GĦALIEX JIEN ĦNIENA RRID, MHUX SAGRIFIĊĊJU..." (Hosegħa 6, 6)

NEWSPAPER POST IISN 1811-5373

# WERREJ


3 Editorjal - Fr Philip Cutajar OFMCap
Inħallu lil Alla Jissorprendina!

5 Bibbja - Mons. Lawrenz Sciberras
L-Imħabba (L-Ewwel Parti)

7 Pastorali Familja - Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)
L-omm hi rwol ta' mħabba, sagrifiċċji u xogħol

8 Poeżija - Joseph Sciberras
Sette Giugno (1919-2019)

9 Storja - Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)
Is-7 ta' Ġunju 1919

12 Storja tal-Kapuċċini f'Malta - Winston L. Zammit BA (Hons) PGCE, MA
Il Franġiskani Kapuċċini f'Malta u Għawdex (1900-1910)

15 Storja tal-Kapuċċini f'Malta - Prof. William Zammit B.Ed. (Hons) (Melit.), Dip.LIS (Melit.), M.A. (Melit.), Ph.D (Melit.)
Skoperta ta' Bolla tal-Kruċjata tas-sena 1798 fil-Bibljoteka tal-Kapuċċini

17 Reliġjon - Storja u Kultura - Francesco Pio Attard
Is-sena Marjana f'Għawdex

20 Pastorali - Fr Mario Attard OFMCap
Mewt għal Għarrieda

21 Marjoloġija - Philip E. Said
Mejju: ix-Xahar ta' Tama u Ferħ

23 Knisja: Ħajja, Ħidma u Aħbarijiet - Fr Silvestru Bonavia OFMCap
Il-Papa f'Loreto, l-Ittra Appostolika wara s-Sinodu taż-Żgħażagħ, Jum il-Vokazzjonijiet

25 Aħbarijiet tal-Provinċja - Br Miguel Zammit OFMCap
Mid-Djarju tal-Kapuċċini Maltin

30 Riċetti tal-Qaddisin - Fr Paul Bugeja
Pulpetti ta' San Filippu Neri

31 Kompetizzjoni - Fr Wistin Attard OFMCap





## Ħsieb tal-faċċata

"Ninsab konvint li l-Knisja kollha għandha bżonn tirċievi l-ħniena ta' Alla... il-Knisja mhux biss għandha bżonn li bil-ferħ tirċievi l-ħniena imma wkoll li hi tagħmilha possibbli u fekonda għall-oħrajn għax aħna lkoll imsejħin sabiex inkunu ta' faraġ għall-bnedmin kollha."

Il-Papa Franġisku

## BORD EDITORJALI


**Editur**
Fr Philip Cutajar OFMCap

**Amministratur**
Dorian Holland OFS

**Distributur Malta**
Alfred Ebejer

**Distributur Għawdex**
Pierre E. Buttigieg OFS

**Membri**
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act



**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

**Telefown:** 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com

IISN 1811-5373

**Disinn u Stampar:** Best Print Co. Ltd
**Telefown:** 2168 0789



© Dawl Franġiskan 2019
Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini


Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:

Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

NIĊĊELEBRAW
IL-MISTERU TAL-GĦID IL-KBIR

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# INĦALLU LIL ALLA JISSORPRENDINA!

*"Inħallu lil Alla jissorprendina. Huwa qatt ma jegħja jiftaħ beraħ il-bibien ta' qalbu, bil-għan li jibqa' kuljum jgħidilna u jerġa' jgħidilna li jħobbna u li jrid jaqsam ħajtu magħna"* (*Misericordiae Vultus, 25*). Dan huwa kliem il-Papa Franġisku, li tahulna fil-bolla ta' indizzjoni tal-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena (8 ta' Diċembru 2015 – 20 ta' Novembru 2016). Għalkemm dan il-ġublew diġà għaddew tliet snin minn mindu ġie ċċelebrat, imma żgur li jeħtieġ li nibqgħu ngħixuh. U dan il-Papa Franġisku jgħinna nagħmluh, għaliex meta nisimgħu b'attenzjoni l-lingwaġġ tiegħu żgur li tolqotna l-kelma ħniena, li kontinwament itenniha fid-diskorsi u l-kitbiet tiegħu.

Il-kelma tal-Papa Franġisku fuq is-suġġett tal-"ħniena" mhix biss kwistjoni ta' kwantità, għall-fatt li jsemmiha diversi drabi, imma wkoll wieħed irid iħares lejha fil-kwalità tal-intensità u l-profondità tagħha. Hekk josserva l-Kardinal Walter Kasper, meta qal li "l-Papa Franġisku għamel mill-ħniena t-tema ċentrali u fundamentali tal-pontifikat tiegħu" (W. Kasper, *La Sfida della Misericordia*, Qiqajon, 2015, 22).

## U MIN M'GĦANDUX BŻONN ĦNIENA?

Hekk stqarr il-Papa Franġisku fl-omelija tiegħu tat-13 ta' Marzu 2015, meta ħabbar il-Ġublew tal-Ħniena: *"Ninsab konvint li l-Knisja kollha għandha bżonn tirċievi l-ħniena ta' Alla... Il-Knisja mhux biss għandha bżonn li bil-ferħ tirċievi l-ħniena, imma wkoll li hi tagħmilha possibbli u fekonda għall-oħrajn, għax aħna lkoll imsejħin sabiex inkunu ta' faraġ għall-bnedmin kollha."*

## DAN HUWA ŻMIEN TA' SALVAZZJONI

Kemm huwa suġġett adattat għal dan iż-żmien li bħalissa bħala Nsara qegħdin niċċelebraw! Qed nirreferi għaż-żmien tar-Randan imqaddes, li tajna bidu għalih nhar l-Erbgħa tal-Irmied, fis-6 ta' Marzu, u għadna għaddejjin bih, kif ukoll il-ġranet tal-ġimgħa mqaddsa li sejrin niċċelebraw bejn Ħadd il-Palm, l-14 t'April, u l-Għid il-Kbir nhar il-21 t'April. Nagħmlu tajjeb jekk dawn il-jiem inħarsu lejhom bħala żmien ta' grazzja u ta' salvazzjoni, frott il-ħniena ta' Alla għalina:

- il-ħniena ta' Alla li għal sena oħra qed tagħtina dan iż-żmien ta' riflessjoni bil-għan li ntejbu ħajjitna;
- il-ħniena ta' Alla li f'dan iż-żmien, bi grazzji speċjali, issejħilna għall-konverżjoni;
- il-ħniena ta' Alla li tispikka fil-Kelma tiegħu li matul dawn il-jiem nisimgħu, speċjalment fil-qari tal-Liturġija tal-Kelma;
- il-ħniena ta' Alla li jekk kemm-il darba ftaħna qalbna



għaliha, żgur li ltqajna magħha fis-smigħ tal-Kelma tiegħu fl-eżerċizzi tar-Randan jew xi rtir li għażilna li mmmorru għalih;

- il-ħniena ta' Alla li dehret u tkompli tidher kull darba li niedma u sogħbiena mmorru nitolbuh jaħfrilna fis-sagrament tal-qrar;

- il-ħniena ta' Alla li ma tiqafx tidher u tinħass matul iċ-ċelebrazzjonijiet li diġà ħadna sehem fihom jew li sejrin nipparteċipaw fihom, bil-għan li ngħixu dan iż-żmien qawwi fil-liturgija tal-Knisja, bħalma huma xi ċelebrazzjoni penitenzjali, il-funzjonijiet fil-knisja u l-purċissjonijiet.

Nagħmlu tajjeb meta nħarsu lejn dak kollu li ser ngħaddu minnu matul dan iż-żmien mill-perspettiva tal-ħniena ta' Alla għalina. Nemmen li lkoll kemm aħna konvinti li matul dan iż-żmien qed niċċelebraw l-akbar ġest tal-ħniena ta' Alla għalina, jiġifieri meta Alla l-Missier bagħat lill-Iben il-waħdieni tiegħu biex Hu jkun jista' jbati u jmut għas-salvazzjoni tagħna. M'hemmx imħabba (ħniena) akbar minn dik li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu.



## 'NITKELLMU' MILL-ĦNIENA... 'NAGĦMLU' ĦNIENA

Jekk inkomplu nitkellmu dwar il-Papa Franġisku f'relazzjoni mas-suġġett tal-ħniena nistgħu nikkonfermaw li dan il-Papa mhux biss 'jitkellem u jikteb' fuq il ħniena imma wkoll 'jgħixha u jagħmilha'. Tajjeb li mhux biss nisimgħu u naqraw dak li l-Papa Franġisku għandu x'jgħidilna fuq il-ħniena ta' Alla għalina, imma wkoll huwa meħtieġ li naraw x'inhu fil-prattika dak li qed jagħmel bil-għan li jkun aktar kredibbli f'dak li qed jgħid. *"Il-kelma tqanqal imma l-eżempju jkaxkar"* jgħid il-qawl Malti. U hekk hu.

U dan dejjem u ma' kulħadd, imma b'mod speċjali f'dan iż-żmien tar-Randan u tal-ġimgħa mqaddsa għandu jkun il-prgramm ta' ħajjitna. Bħala Nsara għandna aħna wkoll nitkellmu fuq il-ħniena, nippromwovu l-ħniena, nipprittkaw lil Alla-mħabba, lil Alla *'għani fil-ħniena'*. Imma wkoll fuq l-eżempju tal-Papa Franġisku ejjew il-kelma tagħna dwar il-ħniena nħalluha ssarraf f'għemejjel ta' mħabba u tjieba. Li nitkellmu fuq il-ħniena ta' Alla huwa tajjeb imma llum, aktar minn qatt qabel, id-dinja qed tistenna mingħandna li l-ħniena ngħixuha, nuruha u nħalluha ssir l-istess ħajjitna.

Hekk kif qal Mons. Lorenzo Leuzzi, Isqof Awżiljarju ta' Ruma, b'referenza għall-Papa Franġisku: *"Għal Franġisku l-ħniena mhix unikament sentiment divin, mhix sempliċiment sentiment tal-qalb umana, imma aktar minn sentiment hija attitudni, azzjoni ta' mħabba li ssalva, li tgħaqqadna ma' Alla u tagħmilna nixbhuh; hija azzjoni konkreta li tħares lejn kull bniedem b'rispett u tgħollih għad-dinjità vera tiegħu." B'dan il-mod il-ħniena tasal biex tkun tassew il-fus li fuqu ħajjitna ddur. "Għaliex jiena ħniena rrid, mhux sagrifiċċji..."* (Hosegħa 6, 6).



*Il-Mulej jagħtikom is-sliem!*

MONS. LAWRENZ SCIBERRAS



# L-IMĦABBA (L-EWWEL PARTI)

Dwar is-suġġett tal-imħabba nkiteb ħafna dwaru, jekk mhux ukoll iżżejjed, u se jibqa' jinkiteb fil-ġejjieni! Billi l-imħabba hija wieħed minn dawk is-sentimenti l-aktar ineffabbli, min jasal biex jitkellem dwarha jista' faċilment iħawwadha ma' taqsimiet oħra oriġinali tal-istint tal-bniedem.

## L-IMĦABBA *EROS*

Fid-dinja Griega tal-qedem wieħed jiltaqa' ma' tliet kelmiet li jesprimu l-imħabba. Dawn huma *eros, philia u agape.* Tal-ewwel, *eros,* turi mħabba ta' passjoni qawwija, ix-xewqa li wieħed jaħkem fuq l-ieħor, imħabba intensa mibnija fuq l-intimità taż-żewġ persuni. Illum il-kelma *eros* għandha ħafna rabta u xeħta negattiva. Mhux hekk kien għall-Griegi; dawn jgħollu din il-kwalità ta' mħabba u jaraw il-milja tal-ħajja flimkien mal-irfigħ 'il fuq tar-ruħ. Mela jekk dan huwa hekk, dan huwa rigal tal-allat.

Din il-kwalità ta' mħabba, *eros,* dejjem skont il-mitoloġija Orfika, twassal għall-pjaċiri tal-ġisem, jekk mhux ukoll dawn ikunu mingħajr ebda lġlem. Għalhekk lmbagħad min jinħakem mill-*eros* ma jibqagħlu ebda forma ta' kontroll fuqu nnifsu. Dan kien il-pedament tal-prostituzzjoni sagra li kienet issir fit-tempji tal-allat u kienet iddedikata għall-qawwa li tiġġenera l-*eros.*

Għalhekk taħt din il-forma ta' stil ta' ħajja tiġi rrealizzata b'mod sħiħ l-għaqda bejn ir raġel u l-allat. U dan isir dejjem fl-ambitu tas-sagru.

Hawn ta' min iżid jgħid ukoll li l-kelma *eros* fit-Testment il-Qadim hija miktuba darbtejn biss. Fit-tħaddim tal-*eros* għandu dejjem ikun hemm il-purifikazzjoni u l-maturità biex hekk dawn iż-żewġ mumenti jgħaddu mill-għarbiel taċ-ċaħda (P. Benedittu XVI, *Deus Carita* Est, n. 5).

## L-IMĦABBA *PHILIA*

Il-kelma *philia*, li ġejja wkoll mill-Grieg, toħroġ għad-dawl dik l-imħabba safja u sinċiera ta' ħbiberija u kompliċità, mela bejn tnejn jew aktar li għaliex tassew iħobbu lil xulxin jgħinu, jagħdru u jbatu għal xulxin.

Ma' din il-kwalità ta' mħabba wieħed għandu jżid ukoll il-*philia* tal ġenituri bejniethom, u li t-tnejn li huma għandhom lejn uliedhom u wlied uliedhom. Hemm ukoll l-imħabba ta' bejn il-veri għarajjes.

Din il-kwalità ta' mħabba tisboq u tgħaddi lill-*eros*, u dan għaliex l-għan ta' din il-kwalità ta' mħabba huwa aktar ġenwin, aktar jitlob prova, anke bit-tbatija; mela aktar altruwista. Filwaqt li l-imħabba *eros* iddur biss u esklussivament mal-individwu, mela mħabba egoista, dik *philia* timxi u tmur minn fuq persuna għal oħra; mela jidhru fiha s-sinċerità u l-altruwiżmu. F'din l-imħabba hemm il-pjaċir u l-gost li wieħed jagħtiha u jaqsamha mal-oħrajn.

San Girgor il-Kbir, fir-regola pastorali, isemmi żewġ





personaġġi mogħnija b'din il-kwalità ta' mħabba għolja. L-ewwel hemm Mosè: dan il-leġiżlatur l-ewwel kien jidħol 'il ġewwa mill-għarix, isib ruħu quddiem l-arka tal-patt, fejn kien jidħol fi djalogu ma' Alla (Eż. 25, 22). Meta mbagħad joħroġ, Mosè kien jaqsam din il-kwalità ta' mħabba man-nies billi jaqdihom fil-ħtiġijiet tagħhom. L-istess ġralu San Pawl. Huwa ġie meħud sat-tielet sema. Meta mbagħad niżel huwa sar tassew kollox għal kulħadd (1 Kor. 9, 22; 2 Kor. 2, 2-4).

## L-IMĦABBA *AGAPE*

Il-Malti jgħid li l-paraguni huma odjużi, iżda biex wieħed jirnexxilu aktar jilqa' t-tifsira sħiħa tal-imħabba *agape*, tkun ħaġa sewwa li jsir paragun mal-imħabba *eros*.

Il-Papa Benedittu XVI, fl-enċiklika *Deus caritas est*, jidħol ħafna fid-dettall u juri r-rabta bejn l-imħabba *eros* u *agape*, kif ukoll id-differenza qawwija bejn dawn iż-żewġ kwalitajiet ta' mħabbiet. L-*eros* hija mħabba li ddur mal-individwu waħdu, u miegħu u mingħandu tiegħu s-sodisfazzjon. L-*agape* tagħżel sew l-oġġett tal-imħabba tagħha. L-imħabba *eros* tqiegħed is-sodisfazzjon sħiħ tagħha wkoll fuq il-ħlas; l-*agape* toħroġ għad-dawl l-imħabba safja tas-superjur lejn iż-żgħir, u dan mingħajr ebda interess ta' xejn. L-*agape* tgħin lil kull min ikun fil-bżonn u l-ħtieġa; mela mħabba inkondizzjonata.

Mela fl-imħabba *agape* joħorġu għad-dawl l-aspetti ta' kontra xulxin: mela l-kbir u ż-żgħir, l-għani u l-fqir, id-divinità u l-umanità, dak li huwa etern u dak li hu taż-żmien, il-kruha u s-sbuħija, il-gwerra u l-paċi, dak b'saħħtu u l-marid. Kull wieħed minna jħossu mbuttat u mqanqal biex iħaddem u jqiegħed fil-prattika din l-imħabba. L-imħabba *agape* tneżża' lill-bniedem mis-sentiment *eros*, u dan mingħajr ebda kundizzjoni ta' żmien. L-imħabba vera tqanqal u timbotta biex wieħed jagħmel xi ħaġa ma' kulħadd. F'kelma waħda din l-imħabba *agape* tqiegħed lill-individwu għas-servizz sħiħ ma' dawk ta' madwaru.

Din l-imħabba timxi u tqanqal biex wieħed ikun tassew ġeneruż u hekk iħossu kuntent u f'postu. "Min jagħti hu aktar hieni minn min jieħu" (Atti 20, 35).

## L-IMĦABBA FIT-TESTMENT IL-QADIM

Is-siwi sħiħ tal-imħabba mqiegħed fuq il-bnedmin kollha tad-dinja ta' kull żmien joffrilna dak il-muftieħ biex nifhmu aktar il-valur teoloġiku tal-imħabba ġa fit-Testment il-Qadim. Iżda fil-konkret liema kien l-ewwel pass li fih dehret din l-imħabba fost dan il-poplu magħżul? Dan ħareġ fid-dieher waqt il-patt li sar f'riġlejn il-Muntanja Sinaj bejn Alla u l-poplu Lhudi (Eż. 24). U dan il-patt prova tal-imħabba Mosè ssiġillah bit-traxxix tad-demm fuq l-artal u fuq in-nies. Hekk ħarġet fid-dieher l-imħabba t'Alla lejn il-poplu Iżraeljan u viċi versa.

Il-kittieba tat-Testment il-Qadim ma jħabblux moħħhom biex jagħmlu analiżi ta' dan is-sentiment tal-imħabba. Alla huwa maħbub minn poplu ġust u sempliċi. Din l-imħabba għandha ssieħeb magħha l-bnledem sħiħ kollu kemm hu u tkun imsieħba bl-opri: "Il-Mulej Alla tiegħek ikun qiegħed iġarrbek, biex jagħraf jekk intom nies li tħobbu lill-Mulej Alla tagħkom b'qalbkom kollha u b'ruħkom kollha" (Dt. 13, 4).

Fit-Testment il-Qadim l-imħabba ta' Alla qiegħda mifruxa kemm fuq skala individwali kif ukoll soċjali jew kollettiva. Iżda jaħsdek ftit il-fatt li rari ħafna Alla jindirizza l-imħabba tiegħu lil xi ħadd b'mod individwali. L-imħabba tiġi dejjem mixħuta u ffukata fuq il-kollettività. Biss, f'din l-istess kollettività hemm dejjem l-individwu, u l-imħabba ta' Alla tolqot u tasal dejjem għand kull wieħed mingħajr ebda eċċezzjoni.

Iżda hawn mhux ta' min jinsa li l-Imħabba ta' Alla hIja waħda superjuri fuq dik tal-bniedem. Hawn qegħdin inqabbżu issa d divin. Dan il ħsieb joħroġ sew fil-beraħ minn kliem il-Profeta Hosegħa. "Kif? Jien se nwarrbek minni, Efrajm? Iżrael, se nerħik? Le, ma nħaddimx il-korla mħeġġa tiegħi; le, ma nerġax inġib fix-xejn 'l Efrajm, għax Alla jien, u mhux bniedem" (Hos. 11, 8-9). ■

JOSEPH C. CAMILLERI
BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)



# L-OMM HI RWOL TA' MĦABBA, SAGRIFIĊĊJI U XOGĦOL

Waħda mara, wara li sabet li binha kellu diffikultajiet biex jitgħallem, qaltli hekk: "Issa ħadtha l-qatgħa. Bkejt fuq li bkejt. Iżda issa jien lesta għal kollox. Ibni ser isibni l-ħin kollu. L-omm tfisser produzzjoni kontinwa ta' mħabba, sagrifiċċji u xogħol." Kliem ħiereġ mill-qalb. Kliem li juri kemm l-omm taf tħobb. Dan ir-rwol tal-omm issibu mhux biss f'persuna li xi darba wildet tarbija. Ġieli narawh ukoll f'soru li tat ħajjitha kollha kemm hi għas-servizz tal-umanità. Issibu fin-nanniet, li wara li rabbew l-ulied tagħhom issa qed jieħdu ħsieb ulied uliedhom. Issibu fir-raġel li romol u issa qed irabbi l-familja tiegħu waħdu. Issibu fis-social worker li qed jipprova jsib soluzzjoni biex dak it-tifel jew dik it-tifla ssib mezz biex tgħix aħjar, f'ambjent kemm jista' jkun mingħajr problemi żejda.

## IR-RWOL TAL-OMM

L-omm tara s-sabiħ u l-ikrah. Matul iż-żmien li tkun qed trabbi u matul iż-żmien li tkun qed tagħmilha ta' nanna ssib li trid tara quddiemha ħafna stejjer. Biċċa minnhom iġibu daħqa fuq il-wiċċ u biċċa minnhom iqanqlu d-dmugħ fl-għajnejn. Ir-rwol tal-omm ifisser ħafna xogħol u pjanar. Hi trid tieħu d-deċiżjonijiet. Biċċa minnhom iġibu niket kbir fil-qalb tal-omm. Min-naħa l-oħra ġieli l-omm tara mumenti ta' ferħ. Ġieli bħala riżultat ta' dak li jagħmlu l-ulied tiltaqa' ma' stagħġib li jġib tbissima fuq il-fomm.

Dan hu kollu possibbli għaliex l-omm hija xmara ta' mħabba. Ma hemmx limitu għal din l-imħabba. Minkejja dan kollu hi mhux dejjem issib soluzzjoni għal kull problema li tinqala'. Waħda mill-ikbar uġigħat li tiltaqa' magħhom l-omm hija li ġieli ssib li mħabbitha ma tiġix reċiprokata. Din l-imħabba tista' tkun nieqsa min-naħa ta' żewġha jew min-naħa tal-ulied. Dan ma jfissirx li hi taqta' qalbha. L-omm tissupera din il-kriżi u tibqa' tħobb u tagħti lilha nnifisha għall-ulied u għall-bqija tal-familja tagħha.



## L-IMĦABBA TAL-OMM

Din l-imħabba tissarraf f'karezzi u xogħol iebes. Ġieli ssib ommijiet li jqumu xorta waħda, jekk jifilħu jew le. Dan għaliex dawn iħossu li għandhom jaħdmu, minkejja l-istat ta' saħħithom. Huma jafu sewwa li jekk huma ma jqumux mis-sodda, il-familja tbati. Għalihom l-importanti li l-familja tkompli bir-rutina tas-soltu. Il-ħajja fil familja trid tibqa' sejra bħas-soltu.

Iżda l-ikbar turija ta' din l-imħabba hija l-mumenti ta' inkwiet u taħwid. Il-mard u l-problemi soċjali huma l-ikbar żewġ għedewwa tal-omm. Hi tagħmel minn kollox biex tgħin lill-ulied biex ifiqu. Tagħmel minn kollox biex il-problemi soċjali jsibu soluzzjoni kemm jista' jkun malajr. Akkost ta' kollox hi lesta li tagħmel il-parti tagħha. Ġieli din il-parti ġġib magħha aktar xogħol. Ġieli ġġib magħha aktar inkwiet. Iżda hi lesta għal kollox.

Permezz tal-imħabba tal-omm it-tfal jagħmlu l-kuragg. Billi taf il-limiti tal-kapaċità tal-ulied, hi tgħallimhom jużaw it-talenti tagħhom. Tagħtihom kuraġġ u tagħmel il-parti tagħha biex jiżviluppaw dawk l-aspetti tal-ħiliet tagħhom, biex ikunu jistgħu jimxu 'l quddiem. Hi tgħallimhom iħobbu lill-oħrajn u tgħinhom biex jgħinu lil xulxin f'mumenti ta' bżonn.

## FIL-ĦAJJA

Ġieli narawha titħasseb u tinkwieta, issa fuq dik it-tifla u issa fuq dak it-tifel. Jekk tara li permezz tal-kastigi u d-dixxiplina ma tagħmel xejn, hi taf mezzi oħra biex forsi tagħmel xi pass. Ngħidu aħna li aktar permezz tal-kliem ġentili tagħha hi tkun tista' ssolvi l-problema li tkun inqalgħet. Tista' tuża l-ġentilezza tagħha biex it-tifel li issa sar raġel ikun jista' jifhem il-problemi li qed iġib fil-familja.

## IX-XOGĦOL

Biex tagħmel dan kollu, l-omm dejjem sejra. Dan jikber jekk l-omm toħroġ barra biex taħdem u b'hekk tkun tista' tgħin il-familja. Fid-dinja tal-lum il-paga tar-raġel mhux dejjem tkun biżżejjed. Għalhekk hi tagħmel minn kollox biex il-familja jkollha l-kumditajiet kollha meħtieġa. L-imħabba trid tkun fl-aqwa tagħha. Trid tkun taf tħobb biex tmexxi familja. Trid tkun lesta għal kull sagrifiċċju. Trid tkun lesta għal kull xogħol minn kmieni filgħodu sa tard billejl. Dan ifisser imħabba kontinwa, sagrifiċċji wieħed wara l-ieħor u xogħol.

Dan ix-xogħol mhux dejjem jiġi apprezzat. Ġieli ssib li r-raġel jagħti daqqa t'id lill-omm fix-xogħol tad-dar. Tara rġiel jixtru, isajru, inaddfu u mitt ħaġa oħra fid-dar. Ġieli ssib ulied li huma lesti jagħtu daqqa t'id lill-omm. Iżda ġieli ssib ukoll irġiel li mhux lesti jdaħħlu jdejhom fl-ilma. Dawn aktarx ikunu jridu kollox taħt imneħirhom. Hawn l-omm aktar issofri, minn xogħol għal ieħor, dejjem weħidha, ma ssib lil ħadd ta' għajnuna! Iżda xorta waħda l-omm ma taqtax qalbha. Hi kollha mħabba u lesta li timxi 'l quddiem minkejja kollox! ■

POEŻIJA – JOSEPH SCIBERRAS

# SETTE GIUGNO (1919-2019)

Il-poplu qam u tkellem
u Malta tagħna bkiet
xħin rat id-demm ta' wliedha
jitħallat mal-irmied.

Il-poplu kien imxebba'
bil-ħakma tas-setgħani.
Kien lest li jċarċar demmu
biex jeħles mill-barrani.

Kulħadd kien kelma waħda:
"Daqshekk tagħmlu li tridu,
għax Malta hija tagħna
u nagħmlu dak li rridu,

biex hija tibqa' l-għożża,
il-gżira tal-Maltin,
u għaliha nagħmlu kollox
għal dejjem u kull ħin!"

U l-folla ħarġet tiġri
fit-toroq tal-Belt tagħna,
u ħalfet li minn fuqha
m'hemm ħadd li ser jistagħna.

Għalxejn ħriġtu għalina
biex fommna jibqa' sieket.
'Ma l-folla baqgħet tgħajjat
u ħadet dak li riedet.

U Malta għadha tibki
għalkemm għaddew is-snin,
għax qatt mhi sejra tinsa
'l uliedha maqtulin. ■



JOSEPH C. CAMILLERI
BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)



*Is-7 ta' Ġunju 1919*

# IS-SETTE GIUGNO - META D-DEMM MALTI ĠERA FIT-TOROQ TAL-BELT VALLETTA (5)



Folla nies daħlu mill-ġdid il-Belt Valletta. Il-ħwienet inżammu magħluqa. Iżda fil-qalba tal-aqwa triq tal-Belt Valletta kien hemm il-ħanut tal-ħwejjeġ A La Ville de Londre (Fil-Belt ta' Londra). Is-sid kien għalaq il-ħanut din id-darba, iżda ħalla l-arblu bil-bandiera Ingliża tperper. Meta l-folla rat il-bandiera Ingliża rrabjat. Xi nies li kienu mal-folla attakkaw il-ħanut, daħlu u qattgħu l-bandiera Ingliża. Il-folla daret għall-Palazz u għall-Bibljoteka. Xi nies bdew jitfgħu l-ġebel lejn dawn iż-żewġ binjiet. Xi ħadd daħal fil-Bibljoteka u niżżel il-bandiera Ingliża.

Parti oħra tal-folla daret lejn il-kwartieri tal-uffiċjali Ingliżi fi Triq Irjali (illum Triq ir-Repubblika) – il-Union Club [1]. Xi wħud mill-folla bdew jinsistu li l-bieb tal-Union Club kellu jkun magħluq u bdew jitfgħu l-ġebel, waqt li xi uffiċjali Ingliżi bdew jitfgħu s-soldi lejn il-folla. Din il-mossa tal-uffiċjali Ingliżi kienet ikkunsidrata bħala insult mill-Maltin. Xi wħud attakkaw lil xi membri tal-Pulizija. Il-Pulizija għalqet il-Palazz. Il-ġlied fit-toroq tal-Belt Valletta kien beda. Xi nies daħlu fil-bini tal-Università u fl-iskola tal-Liċeo u għamlu ħerba minn dawn iż-żewġ postijiet. Xi ħaddiema niżżlu l-bandiera Ingliża minn fuq il-Bibljoteka. Oħrajn daħlu fl-Uffiċċju Meteoroloġiku, li kien immexxi mir-Royal Air Force, u għamlu ħerba. Xi ħadd niżżel il-bandiera Ingliża u tefagħha fit-triq. Il-bandiera ġiet maħruqa flimkien ma' xi għamara ta' dan l-uffiċċju.

Oħrajn daħlu fil-bini tal-gazzetta *Daily Mail Chronicle*, gazzetta li kienet fuq in-naħa tal-Ingliżi, immexxija minn Dr Augusto Bartolo[2] bħala editur. Xi nies oħra miġbura l-Belt Valletta, li kienu jemmnu li l-prezz tal-ħobż kien għola minħabba r-regħba tal-importaturi tad-dqiq, marru d-dar tal-persuna responsabbli mill-importazzjoni tad-dqiq, Antonio Cassar Torreggiani. Xi wħud marru quddiem il-bini ta' quddiem il-Palazz – il-Main

---

**Referenzi:**

1. Il-Union Club kien fil-bini tal-Berġa ta' Provenza.
2. Dr Augusto Bartolo kien l-uniku wieħed kontra r-riżoluzzjoni li kellha tgħaddi waqt it-tieni laqgħa.



Guard – u bdew jinsulentaw lis-suldati. Il-bieb tal-Main Guard ingħalaq.

Il-Pulizija ma setgħetx tikkontrolla l-folol fit-toroq. Billi Malta ma kellhiex gvernatur, il-Ġeneral Hunter-Blair ordna li jiddaħħlu s-suldati Ingliżi. Dan kien żball kbir. 64 suldat daħlu fil-bini tal-Qorti, fejn kien hemm il-kwartieri tal-Pulizija. Xi suldati marru quddiem xi djar fi Strada Teatro u Strada Forni. Il-folla bdiet miexja lejn Strada Santa Lucia. Sitt suldati, taħt il-kmand tal-Maġġur Ritchie u l-Kaptan Ferguson, marru quddiem id-dar ta' Antonio Cassar Torreggiani.

10 suldati, taħt il-kmand tal-Lutenent Shields, marru quddiem il-bini tad-*Daily Mail Chronicle.* Is-suldati li kienu fi Strada Forni ma kinux biżżejjed, u l-Maġġur bagħat lill-Kaptan Ferguson biex iġib aktar suldati. Skont il-verżjoni tas-suldati Ingliżi quddiem il-bord tal-inkjesta, il-Maltin ħadulu r-revolver u qattgħulu l-uniformi. Hu ġab 24 suldat ieħor f'din it-triq.

Qalu li xi ħadd spara fuq tieqa tad-dar ta' Antonio Cassar Torreggiani u xi suldat spara fuq il folla. Xi suldati għamlu l-istess. Wieħed Malti, **Manwel Attard**, intlaqat u miet quddiem id-dar ta' Cassar Torreggiani. Dan iż-żagħżugħ kellu 27 sena u kien minn Tas-Sliema. Ftit 'il bogħod is-suldati Ingliżi qatlu Malti ieħor fi Strada Teatro: **Ġużè Bajada**. Dan kien żagħżugħ ta' 34 sena mix-Xagħra. Meta nqatel Bajada waqa' fuq il-bandiera Maltija li kien qed iżomm. Il-folla, meta rat id-demm, ifferoċjat aktar.

Is-suldati li kienu quddiem il-bini tal-*Chronicle* qalu li xammew riħa ta' gass. Il-Lutenent Shields, li kellu s-suldati f'idejh, ħaseb li jekk joħroġ is-suldati wieħed wieħed il-folla kienet ser toqtolhom. Hu ta ordni biex suldat jispara fil-baxx. Dan kien żball ieħor, għax inqatel **Lorenzo Dyer**. Dan kien żagħżugħ ta' 21 sena mill-Birgu. Meta nqatel mis-suldati Ingliżi l-katavru tiegħu ttieħed fil-misraħ ta' quddiem il-Palazz.

Waqt li kienu sejrin dawn il ġrajjiet imdemmija, xi ħadd daħal fil-bini tal-La Giovine Malta ma' midrub. Xi rappreżentant li kien fl-Assemblea ħareġ maktur abjad u mesaħ wiċċ il-midrub. Il-maktur ħmar bid-dmija. Dan ir-rappreżentant dar fuq ir-rappreżentanti l-oħra u




Galea Scannura C., 'The Sette Giugno Affair', *Heritage*, vol. I, Midsea Book Ltd, Malta 1979.
Vella Y., *The Maltese History Sec. Level – From the Coming of the Knights to EU Membership,* History Teachers' Association Publication, Malta 2008.
Borg D., Net News, 27-v-2018.
Sciberras T., Joseph De Piro, a Love for the Church, his Country, the Poor and the Missions, 2016
Bartolo P., *X'kien Ġara sew fis-Sette Giugno,* Malta 1979.
Frendo H., *Ir-Rivoluzzjoni Maltija tal-1919,* Malta 1970.

qalilhom li dawn kienu l-kuluri Maltin. Din il-persuna talbet l-għajnuna ta' dawk preżenti biex imiddu jdejhom u jagħmlu xi ħaġa mal-gvern kolonjali. 6 biss minn 193 daħlu għal dan ix-xogħol. Dawn kienu l-Avukat Alfredo Caruana Gatto, l-Avukat Serafino Vella, Dun Enrico Dandria, il-Kunsillier G. Vassallo, is-Sur S. Zammit Hammet u Monsinjur Giuseppe De Piro. Dawn ħarġu fost il-folol biex ikkalmaw in-nies.

L-Avukat Alfredo Caruana Gatto u Monsinjur Giuseppe De Piro ppruvaw jidħlu fil-bini tal-Qorti biex ikellmu lil-Lutenent Gvernatur is-Sur Robertson, iżda sabu ma' wiċċhom folla kontrihom.

## L-ISTORJA TKOMPLI TIŻVILUPPA

L-Avukat Alfredo Caruana Gatto rnexxielu jkellem lill-folla minn tieqa tal-bini tal-Qorti. Il-folla insistiet mal-Avukat biex is-suldati jħallu l-bini tal-Qorti. L-Avukat mar fuq is-Sur Robertson u s-suldati ġew imsejħa għall-barracks. Min-naħa l-oħra Dun Enrico Dandria wiegħed lill-folla li min kien responsabbli għat-tixrid tad-demm kien ser jiġi kkastigat. Il-folla obdiet, għax il-poplu Malti kellu fiduċja għamja fil-kleru Malti. Għalhekk il-folla bdiet tinfirex. Il-wegħda mill-ewwel spiċċat fix-xejn, għax fuq ix-xena waslu r-Royal Marines u l-folla ħassitha traduta. Saret folla rrabjata. Waqt li r-Royal Marines imxew lejn il-Qorti, beda l-għajjat min-naħa tal-folla. Il-mexxejja Maltin taw parir lill-folla biex ma tinsulentax lis-suldati Ingliżi.

Ir-riżultat ta' dan il-jum storiku – 3 mejta u 50 feruti. ■

# VUĊI MISSJUNARJA

## jixxandar fuq Radju Marija



- Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuraġġ ta' dawn l-eroj tas-skiet!
- Kun af bil-proġett ta' fejda li huma qed iwettqu għal miljuni ta' nies fil-bżonn, nies imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.
- Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm VUĊI MISSJUNARJA li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-6.00am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.

MILL-KITBIET LI ĦALLIELNA
WINSTON L. ZAMMIT
BA (HONS) PGCE, MA



# IL-FRANĠISKANI KAPUĊĊINI F'MALTA U GĦAWDEX (1900-1910)

Fil-kapitlu provinċjali li sar fis-27 ta' Ottubru 1899 ġie elett bħala ministru provinċjali Patri Piju Dimech OFMCap, li baqa' f'din il-kariga sal-kapitlu provinċjali tal-1905, billi ġie kkonfermat fil-kariga fil-kapitlu provinċjali li sar fis-27 ta' Ottubru 1902.

Fil-kapitlu provinċjali li sar f'Ottubru 1905 ġie elett ministru provinċjali Patri Feliċjan Grech OFMCap mill-Furjana, li baqa' jmexxi l-provinċja sal-kapitlu provinċjali ta' Ottubru 1908, meta reġa' ġie elett ministru provinċjali Patri Piju Dimech OFMCap, li baqa' fil-kariga sal-kapitlu ġenerali ta' Ottubru 1911.[1]

Matul il-perjodu msemmi l-provinċja Maltija tal-patrijiet Franġiskani Kapuċċini kellha tliet kunventi f'Malta: dak tal-Furjana u dak tal-Kalkara u wieħed f'Għawdex, dak tar-Rabat.

**Saċerdoti Ġodda:** Matul il-perjodu hawn fuq imsemmi l-provinċja Maltija kellha numru ta' saċerdoti ġodda, fosthom dawn li sejrin insemmu:

| | |
|---|---|
| 1902 | Patri Serafin[2] |
| 1902 | Patri Bonaventura u Patri Rafel[3] |
| 1906 | Patri Paċifiku, Patri Fawstin Testaferrata[4] |
| 1909 | Patri Pawl minn Ħal Qormi[5] |
| 1910 | Patri Indrin minn Bormla[6] |

**Ħidma Pastorali:** Minbarra l-ħidma pastorali li kienu jwettqu fil-knejjes annessi mal-kunventi tagħhom il-Franġiskani Kapuċċini kienu wkoll iwettqu l-ministeru pastorali tagħhom fid-djar tal-anzjani San Vinċenz de Paule, l-Ingieret, l-Isptar Monte Carmeli f'Ħ'Attard u fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata. Fl-1904 Patri Ġlormu minn Għawdex kellu l-kariga ta' kappillan fid-dar tal-anzjani fl-Ingieret.[7] Fl-1903 Patri Ġakbu u Patri Ewsebju kienu qegħdin iwettqu l-ministeru pastorali f'wieħed mill-isptarijiet tal-gvern meta feġġet fostna l-imxija tal-vajuolo (il-ġidri), li minnha ttieħdu t-tnejn. Nafu li Patri Ġakbu rkupra minnha u kellu laqgħa sabiħa minn sħabu l-aħwa Franġiskani



Patri Piju Dimech OFMCap

Kapuċċini meta reġa' lura fil-kunvent tal-Furjana fl-20 ta' Jannar 1904.[8]

**Predikazzjoni:** Fost il-predikaturi tal-provinċja f'dan il-perjodu nsibu dawn li ġejjin:

Patri Dovik Pulis mill-Birgu, deskritt fil-gazzetti bħala *"noto predicatore capuccino"* u *"rinomatissimo oratore",*[9] l-istess ministru provinċjali Patri Piju Dimech,[10] Patri Dwardu minn Għajnsielem, Għawdex,[11] Patri Tumas,[12] Patri Ġakbu[13] u Patri Rafel Hockey mill-Isla.

---

**Referenzi:**

1. F. Azzopardi, *Elective Chapters and Appointments of the Provincial Superiors of the Capuchin Province of Malta,* 1778-1992, pp. 48-52.
2. *Id-Devot ta' Marija,* Ottubru 1902, p. 175
3. J. Calleja, *Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000,* p. 38
4. Ibid. p. 40
5. *Malta Tagħna,* 2-10-1909
6. Ibid. 1-06-1910
7. *Guida Generale di Malta e Gozo,* 1908, p. 86; *Malta Tagħna,* 24-12-1904, p. 3
8. *Malta,* 21-01-1904, p. 2
9. Ibid. 11-11-1903, 3-01-1905
10. *Id-Devot ta' Marija,* Mejju 1904, 24-06-1905, p. 109; Malta, 12-06-1907, p. 2
11. Id-Devot ta' Marija, Settembru 1901, p. 157
12. *Malta,* 6-04-1904, p. 2
13. *Is-Salib,* 20-03-1909, p. 3
14. *Malta,* 6-07-1904, p. 2
15. *Malta Tagħna,* 17-09-1904, p. 3
16. Ibid. 25-09-1909
17. Ibid. 2-05-1908

Dwar Patri Rafel Hockey mill-Isla nsibu li fl-1904 huwa għamel tnax-il konferenza fuq id-duttrina Nisranija, li għal iżjed minn 150 sena kienu jsiru fil-knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt, mill-Kapuċċini,[14] u li skont gazzetta lokali għalihom il-knisja kienet tkun iffullata bin-nies. L-istess gazzetta tkompli tgħidilna li Patri Rafel mar tajjeb daqs dawk li ppritkawhom qablu, speċjalment l-aħħar wieħed Patri Ġużeppi Marija, li ma baqax jagħmel dawn il-konferenzi minħabba l-età venerabbli tiegħu.[15] Fl-1909 dawn il-konferenzi saru mil-Lettur Patri Salv.[16]

Il-patrijiet Franġiskani Kapuċċini kienu wkoll jagħtu servizz tal-qrar barra mill-kunventi tagħhom. Hekk insibu li fl-1909, fuq stedina taċ-Ċirkolu La Stella ta' Ħal Għaxaq, Patri Girgor OFMCap mar f'dan ir-raħal, fejn qarar u wara ċċelebra quddiesa bil-fervorin.[17]

**Xogħol Partikolari:** Fl-1907 Patri Franġisku, li kien jinsab fil-kunvent tal-Furjana, kien impenjat fil-proċess tal-kawża tal-beatifikazzjoni ta' Suor Veronica Baron, li fl-1904 f'Caltagirone beda l-proċess biex tibda l-kawża tal-beatifikazzjoni tagħha.[18] Fl-1909 Patri Manwel, li kien ukoll fil-kunvent tal-Furjana, kien iħabrek għas-Santwarju ta' Loretu fl-Italja. Gazzetta lokali ta' Frar 1909 tgħidilna li f'dawk il-ġranet l-imsemmi Patri Manwel kien maħtur Cavaliere Onorario e Guardia d'Onore della Santa Casa di Loreto. L-istess gazzetta tgħidilna li dawn kienu żieda għat-titlu li diġà kellu, ta' Canonico Onorario e Cubiculario della Stessa Casa.[19]

## IL-KAWŻA TAL-BEATIFIKAZZJONI TA' FRA KRISPIN MINN GĦAWDEX



Fil-kannierja tal-knisja tal-Furjana hemm ikkonservat il-ġisem ta' Fra Krispin minn Għawdex, li miet b'fama ta' qdusija fil-11 ta' Marzu 1867 fl-età ta' 79 sena.[20]

Billi fl-1909 kienu nqalgħu xi grazzji speċjali bl-interċessjoni tiegħu, il-patrijiet Kapuċċini talbu lil min kien qala' dawn il-grazzji, jew li jaqla' xi grazzja fil-futur, biex imur fil-kunvent tagħhom u jinforma b'din il-grazzja lill-patri li kien delegat għal dan ix-xogħol. Min kien jafu personalment kien ukoll mitlub li jirrapporta dak li ra jew sema' waqt li kellu xi konverżazzjoni miegħu.[21]

## ĠRAJJIET PARTIKOLARI

Fil-paragrafu msemmi (1900-1910) seħħew xi avvenimenti importanti fi ħdan il-provinċja.[22] Fl-1903 miet il-Papa Leone XIII wara pontifikat twil ta' 25 sena (1878-1903) u għaldaqstant il-komunità tal-Furjana ddeċidiet li tagħmillu funerali solenni fil-knisja tagħha fis-16 u s-17 ta' Awwissu 1903.[23] Dawn fil-fatt saru. Il-mużika diretta mis-Sur Gejtu Muscat u l-orazzjoni funebri saret minn Dun Pawl Gauci. L-Isqof Awżiljarju Mons. Musalvatore Gaffiero ta l-assoluzzjoni lit-tubru.[24]





BEATI AGATANGELO E CASSIANO

MISSIONARI CAPPUCCINI IN ETIOPIA, MARTIRIZZATI A GONDAR NEL 1638, PROTETTORI DELLA "CROCIATA" PER LA CONVERSIONE DELL'ETIOPIA

---

Referenzi:

18. *Id-Devot ta' Marija,* Settembru 1907, pp. 140, 141
19. *Malta,* 5-02-1909
20. *Malta Tagħna,* 29-05-1909
21. *Malta,* 27-05-1909, p. 3

Fl-1906 l-Ordni Franġiskan Kapuċċin kellu żewġ beati ġodda – Agatangelo u Kassjanu. F'din l-okkażjoni ta' festa għall-Ordni saru tlett ijiem festi (2-3-4 ta' Frar) fil-knisja tal-Kalkara. Il-festa bdiet il-Ġimgħa 2 ta' Frar u kompliet l-għada s-Sibt 3 ta' Frar, meta l-funzjonijiet saru bil-vuċijiet. Iżda l-Ħadd 4 ta' Frar il-funzjonijiet saru bil-mużika tas-Surmast Perez. Il-Ħadd filgħodu saret quddiesa bi tqarbina ġenerali minn Mons. Luigi Attard. Fl-istess jum filgħodu sar pontifikal mill-Isqof Awżiljarju Mons. Salvatore Gaffiero, assistit mill provinċjal u mill-gwardjani tal-Furjana u l-Kalkara. Waranofsinhar saru l-vespri bil-mużika u wara niseġ il-paniġierku Dun Salv Chircop DD, kappillan tar-Rabat.[25] B'rabta ma' din il-beatifikazzjoni l-pittur Lazzaro Pisani pitter kwadru li juri ż-żewġ beati l-ġodda għall-istess knisja, li żżanżan fl-1907.[26]

## DAĦLU FL-ETERNITÀ

Bejn l-1900 u l-1910 numru ta' aħwa tal-provinċja daħlu fl-eternità. Dawn kienu:

■ Patri Pietru (1900), li miet fil-kunvent tal-Furjana fis-6 ta' Lulju 1900 fl-età ta' 67 sena.[27]

■ Patri Fortunato Fleri, eks ministru provinċjali mwieled l-Isla, studja fil-Liċeo u ta' 17-il sena ngħaqad mal-Ordni Franġiskan Kapuċċin. Wara n-novizzjat intbagħat Bologna biex ikompli l-istudji tiegħu u ġie ordnat saċerdot. Wara ġie lura Malta, qarar u pprietka bl-Ingliż kemm f'Malta u l-Ingilterra u kien kappillan militari għal 20 sena. Fil-provinċja kellu dawn il-karigi: surmast tan-novizzi, provinċjal (1874-1877), kustodju (1877-1881), u mill-ġdid provinċjal (1887-1890 u 1893-1899). Kellu wkoll il-kariga ta' eżaminatur prosinodali fid-djoċesijiet ta' Malta u Għawdex. Miet fil-kunvent tal-Kalkara fl-14 ta' Jannar 1903.[28]

■ Is-Suddjaknu Ġorġ Hili OFMCap. Mir-Rabat Għawdex, 'ġuvni mogħti lil Alla sa minn żgħożitu'. Wara li għamel il-professjoni fl-Ordni Franġiskan Kapuċċin intbagħat Ruma biex ikompli l-istudji tiegħu. Fl-1903, filwaqt li kien qed jistudja hemm, is-Suddjaknu Hili nħakem minn marda qerrieda. Billi ma kienx hemm tama ta' fejqan intbagħat lura Għawdex, fejn miet fis-27 ta' Lulju 1903 fl-età ta' 24 sena u ġie midfun fil-kannierja tal-knisja tal-Kapuċċini fir-Rabat, Għawdex. Kellu żewġ ħutu saċerdoti, Mons. Kan. Alfons Hili u Dun Ġużepp Hili.[29]

■ 1904: Patri Ġlormu miet fid-19 ta' Diċembru 1904, fl-età żgħira ta' 34 sena, meta kellu l-kariga ta' kappillan fl-Isptar San Vinċenz de Paule.[30] Patri Ġlormu kien twieled f'Għawdex fit-2 ta' Ottubru 1870 u ngħaqad mal-Ordni Franġiskan Kapuċċin fis-6 ta' Awwissu



1889. Għamel l-istudji tiegħu għas-saċerdozju f'Bologna. Wara sitt snin ġie lura Malta u nħatar kappillan fl-Isptar San Vincenz de Paule.[31]

■ 1908: Patri Bernard minn Għawdex. Għamel l-istudji tiegħu f'Ruma, fejn ġie ordnat saċerdot u lura f'Malta ġie inkarigat mis-superjuri għat-tagħlim. Sofra b'rassenjazzjoni marda twila. Miet fil-Belt Victoria fid-9 ta' Jannar 1908 fl-età ta' 25 sena.[32]

■ 1910: Patri Pietru Pawl mill-Birgu. Kien tliet darbiet gwardjan (fil-Furjana – 1880-1883) u kustodju (1899-1905). Kien żelatur qawwi tal-missjonijiet u fuq għażla tal-Kardinal Lavigerie ħadem għal żmien bħala kappillan fi Sfax. Irsista u ħadem kemm felaħ bħala predikatur u konfessur fl-istitut, ta s-servizzi tiegħu fi żmien il-kolera u assista xi nies li ġew ikkundannati għall-mewt. Kien ħanin u karitattiv ma' kulħadd. Miet fil-kunvent tal-Furjana fit-13 ta' Ġunju 1910 fl-età ta' 72 sena, wara 49 sena ta' saċerdozju u 56 sena ta' ħajja reliġjuża.[33] ■

**Referenzi:**

22. Ibid. 11-08-1903, p. 3
23. *Malta Tagħna,* 22-08-1903
24. Ibid. 10-02-1906
25. *Malta,* 20-07-1907, p. 2
26. Ibid. 9-07-1900, p. 3
27. Ibid. 17-01-1903, p. 3; F. Azzopardi, op.cit. pp. 39, 40, 44, 45, 46. 47.
28. *Malta,* 29-07-1903, p. 3; *Id-Devot ta' Marija,* Lulju 1903, p. 128
29. *Malta,* 20-12-1904, p. 2
30. *Malta Tagħna,* 24-12-1904, p. 3
31. *Id-Devot ta' Marija,* Frar 1908, p. 32
32. *Malta,* 4-02-1910, p. 2
33. Ibid. 15-06-1910, p. 3 *Is-Salib,* 18-06-1910 F. Azzopardi, op.cit., pp 41, 48, 49

MINN PROF. WILLIAM ZAMMIT
B.ED. (HONS) (MELIT.), DIP.LIS. (MELIT.),
M.A. (MELIT.), PH.D (MELIT.)



Head, Dept. of Library, Information & Archive Sciences
Faculty of Media & Knowledge Sciences (MaKS)
President, Malta National Archives Council

# SKOPERTA TA' BOLLA TAL-KRUĊJATA TAS-SENA 1798 FIL-BIBLJOTEKA TAL-KAPUĊĊINI

Skoperta interessanti li saret riċentement mir-Rev. Dott. Martin Micallef OFMCap, il-bibljotekarju tal-bibljoteka tal-Kapuċċini fil-Furjana, tikkonsisti f'kopja ta' Indult tal-Kruċjata, jew kif kienet magħrufa aħjar bħala 'l-Bolla tal-Kruċjata'. L-Indult tal-Kruċjata kien ġie introdott f'Malta fi żmien il-Gran Mastru Manoel Pinto de Fonseça (1741-73), fis-sena 1744. Dan l-indult ma kienx limitat għall-gżejjer Maltin, biss fil-każ ta' Malta l-għan kien sabiex jinġabru fondi għall-finanzjament tal-flotta tal-Ordni ta' San Ġwann u għad-difiża tal-Kristjanità kontra t-theddida Musulmana.


MDCCXCVIII.

1. Il-Bolla tal-Kruċjata għas-sena 1798, skoperta fil-bibljoteka tal-Kapuċċini, il-Furjana

L-indult kien jikkonsisti f'karta stampata ta' daqsijiet differenti. Fil-parti ta' fuq kienet iġġib immaġini tal-qaddisin marbuta ma' Malta, jiġifieri San Pietru u San Pawl, u disinn ieħor bl-arma tal-papa ta' dak iż-żmien. Fin-naħa t'isfel tal-indult kien ikun hemm stampata l-firma tal-gran prijur tal-Ordni ta' San Ġwann, li kien il-kummissarju ġenerali tal-Bolla tal-Kruċjata f'Malta, flimkien ma' disinn ta' salib u s-siġill tal-istess gran prijur. It-test stampat pjuttost twil tal-indult


MDCCXCVIII.

SOMMARIO DELL'INDULTO IN MODO DI BOLLA DELLA SS. CROCIATA, CONCESSA DA PAPA BENEDETTO XIV E PROROGATA NUOVAMENTE DALLA SANTITA' DI PIO VI.

Frà Raim.do Albino Priore della Chiesa Commissario Generale

2. Bolla oħra tal-Kruċjata oriġinarjament stampata għas-sena 1796, imma li nbidlitilha d-data għall-1797 u wara għall-1798


MDCCXCVIII.

LTO IN MODO DI BOLLA DELLA SS. CROCIATA, CONCESSA DA
E PROROGATA NUOVAMENTE DALLA SANTITA' DI PIO VI.
quest'isole di Malta, e Gozo, ripieno di molte grazie, e perdoni, ed Indulge
ritta limosina ajutassero la S. R. G. nelle spese, che fa per il mantenimento
e Squadre contro li nemici della Santa Fede per l'anno suddetto

3. Dettall li juri l-bidla fid-data tal-bolla tal-1796


MDCCCI.

SOMMARIO DELL'INDULTO IN MODO DI BOLLA DELLA SS. CROCIATA, CONCESSA DA PAPA BENEDETTO XIV E PROROGATA NUOVAMENTE DALLA SANTITA' DI PIO VII.

Frà Raim.do Albino Priore della Chiesa Commissario Generale

4. Bolla tal-Kruċjata għas-sena 1801

kien jiddeskrivi l-għan u l-grazzji marbuta miegħu. Min ried jakkwista l-indult kien jixtrih, ikollu ismu miktub fuqu u dan kien jeżentah mill obbligu ta' ċertu sawm matul ir-Randan. Ir-raġunament kien li dak li jkun xorta qed jagħmel sagrifiċċju, filwaqt li l-fondi miġbura kienu jservu għall-ħarsien tal-fidi Kattolika. Ta' min jgħid li l-amministrazzjoni kollha tal-Bolla Kruċjata kienet f'idejn l-Ordni ta' San Ġwann u mhux f'idejn il-Knisja Maltija. Il-bolla kienet titqassam fil-perjodu qabel ir-Randan permezz ta' ċerimonja u kienet titwassal f'kull rokna tal-gżejjer Maltin. Filwaqt li kienu jkunu stampati eluf ta' kopji kull sena, illum dawn huma pjuttost rari, peress li wara sena l-bolla kienet titlef il-validità tagħha. Insibu każi fejn bolli stampati għal sena partikolari u li jkunu baqgħu mhux mibjugħa kienet tinbidlilhom id-data, billi jiżdiedu xi numri wara d-data oriġinali stampata fuq nett tal-indult, sabiex b'hekk dawn il-kopji mhux użati setgħu jiġu utilizzati fis-sena u kultant fis-snin ta' wara (ara illustrazzjonijiet 2 u 3).

Il-kopja tal-Bolla tal-Kruċjata skoperta fil-Bibljoteka tal-Kapuċċini, il-Furjana tikkonsisti f'dik għas-sena 1798 (illustrazzjoni 1), u allura kienet tkun stampata f'Malta matul is-sena ta' qabel. Kienet l-aħħar bolla ta' żmien l-Ordni ta' San Ġwann, peress li f'Ġunju 1798 Malta għaddiet f'idejn il-Franċiżi, li naturalment abolixxew l-indult. Wara t-tkeċċija tal-Franċiżi l-indult kien reġa' ġie introdott għas-sena 1801 (ara illustrazzjoni 4), biss wara dik is-sena ġie abolit għalkollox.

Il-bolla skoperta issa hija dokument ieħor fost il-bosta miżmuma b'għożża fil-bibljoteka tal-Kapuċċini, waħda mill-kollezzjonijiet ewlenin ta' materjal antik u ta' preġju li writna mingħand ta' qabilna u li jkomplu jarrikkixxu din il-bibljoteka fil-kunvent tal-Kapuċċini, il-Furjana.

FRANCESCO PIO ATTARD



# IS-SENA MARJANA F'GĦAWDEX

Matul din is-sena fid-djoċesi ta' Għawdex qed jiġi ċċelebrat anniversarju li hu sinifikattiv mhux għall-Għawdxin biss imma għall-poplu Malti kollu: dak tal-erba' mitt sena minn meta nħadem u tqiegħed f'postu l-kwadru għażiż tal-Madonna ta' Pinu, fl-1619, xogħol tal-pittur Bartolomeo Amadeo Perugino, li skont teorija riċenti ta' natura storika kien Malti, iben Francesco mill-Belt Valletta.

Għal din ir-raġuni, fuq xewqa tal-Isqof Mons. Mario Grech, fil-Knisja f'Għawdex ġiet imsejħa sena Marjana, sabiex it-tifkira ta' dan l-avveniment tgħin lill-Insara jġeddu l-qima lejn Ommna Marija u jagħmlu tagħhom it-tagħlimiet attwali ta' dik il-ġrajja straordinarja u providenzjali li kellha oriġini proprju minn dan il-kwadru fl-1883.

Is-sena djoċesana Marjana nfetħet fis-solennità ta' Kristu Sultan f'Novembru li għadda u tibqa' sejra sal-Vġili tal-Għid tal-Assunta ta' din is-sena.



Pittura qadima li turi kif kienet tidher il-kappella tal-Ġentili, illum tal-Madonna ta' Pinu, fl-Għarb, lura qabel is-seklu għoxrin

## KAPPELLA PREŻENTI SA MIS-SEKLU ĦMISTAX

Fuq il-post fejn illum hemm is-santwarju nazzjonali ilha wieqfa xi forma ta' kappella sa mill-bidu tas-seklu ħmistax. L-art, fil-kontrada tal-għolja ta' Għammar (bejn l-Għasri u l-Għarb), minn dakinhar sal-lum għaddiet minn id għal oħra, u l-kappella mhux darba u tnejn kienet fi stat ħażin ħafna, tant li laħaq sar il-ħsieb ukoll li titwaqqa', ħaġa li l-Madonna providenzjalment ma ppermettietx.

Din il-kappella fil-kampanja, magħrufa għal żmien twil bħala 'Ta' Ġentili', għal isem il-familja proprjetarja tagħha, fl-1578 għaddiet f'idejn ċertu Filippu (fil-qosor Pinu) Gauci, li daħal responsabbli għaż-żamma tal-kappella. Teżisti diċerija li l-familja ta' dan Pinu oriġinat minn Ħaż-Żebbuġ f'Malta. L-isem Pinu fir-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ, b'referenza għal San Filep, patrun ta' din il-post, kien u għadu ferm popolari. Ħafna kienu u għadhom il-familji li jagħtu dan l-isem lil xi ħadd minn uliedhom.

Wara li fl-1615, waqt vista pastorali tal-Isqof Baldassare Cagliares, mill-ġdid instabet f'qagħda ħażina, Pinu offra minn jeddu li joħroġ il-flus għar-restawr tagħha, u kien hu wkoll li kkummissjona kwadru titulari ġdid tal-Assunta lil Amadeo Perugino, li tqiegħed f'postu fl-1619. Hu minħabba f'dan kollu li l-kwadru, u mbagħad il-kappella, is-santwarju u l-inħawi kollha, baqgħu sal-lum magħrufa bħala 'Ta' Pinu'.

## IL-ĠRAJJA TAS-SEJĦA

Fit-22 ta' Ġunju 1883 Karmela Grima, xebba bidwija mill-Għarb, kienet ġejja lura lejn darha mill-għalqa tagħhom in-naħa tal-Ġurdan, filwaqt li kienet qed tgħid xi talbiet privati tagħha. Kienu xi l-10.10 a.m., u xħin kienet għaddejja minn ħdejn il-kappella Ta' Pinu, semgħet għal darbtejn jew tlieta leħen isejħilha: "Ejja! Ejja!" Ħarset lura u billi ma rat lil ħadd, baqgħet miexja.



Il-kwadru tal-Madonna ta' Pinu (ritratt: Daniel Cilia)



Karmni Grima, li fit-22 ta' Ġunju 1883 semgħet il-leħen mill-kwadru



Franġisk Portelli

Imma l-leħen ta' qabel tenna: "Ejja llum, għaliex qabel sena oħra ma tkunx tista' tiġi!" Għalhekk hija reġgħet xi passi lura sabiex taqbad il-passaġġ u bdiet miexja bil-mod u beżgħana lejn il-kappella. Xħin waslet talbet għal ħin wieħed u ġarrbet hena mhux tas-soltu; u xħin spiċċat it-talb tagħha qagħdet ittella' u tniżżel taħseb x'sejra tgħid iżjed. F'dak il-ħin l-istess leħen reġa' qalilha: "Għid tliet Ave, b'tifkira tat-tlitt ijiem li ġismi dam fil-qabar."

## FRANĠISK PORTELLI

Fl-istess żmien, u għal madwar sitt darbiet, il-Madonna ta' Pinu kellmet ukoll lil Franġisk Portelli, ġuvni twajjeb mill-Għarb ukoll, u qaltlu: "Ħabrek biex tkun devot tal-pjaga tal-ispalla ta' Ibni, li kienet magħmula mis-salib waqt li kien tiela' għall-Kalvarju, u ħabrek ħalli anki l-oħrajn ikollhom l-istess devozzjoni."

Xi żmien wara, Franġisk u Karmni, li kienu ħbieb, tarrfu lil xulxin l-esperjenzi li kellhom, u għalkemm żammew il-messaġġ tal-Madonna moħbi minn għajnejn in-nies, iktar tard Karmni qalet b'dan lill-konfessur tagħha, li obbligaha tgħarraf lill-Isqof.

## POST TA' DEVOZZJONI KBIRA

Wara dawn il-ġrajjiet id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu baqgħet dejjem tiżdied. Xhieda tagħha hi l-ammont bla waqfien ta' pellegrini li bdew iżuru l-kappella Ta' Pinu, liema devozzjoni wasslet biex mitt sena ilu beda jinbena santwarju akbar li jinkorpora fih il-kappella oriġinali.




L-iskrizzjoni fil-kwadru li turi isem l-artist, Amadeo Perugino, u d-data ta' meta pinġieh

Flimkien mal-bini tas-santwarju d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu ġiet ukoll ikkonfermata mill-inkurunazzjoni tal-istess kwadru nhar l-20 ta' Ġunju 1935, ħaġa li f'dawk iż-żminijiet kienet riservata għall-kapitlu tal-Bażilika tal-Vatikan u li saret bl-approvazzjoni tal-Papa Piju XI. Ma' dan ma nistgħux ma nsemmux iż-żjara li l-Papa Ġwanni Pawlu II għamel lis-santwarju nhar is-26 ta' Mejju 1990, u l-Warda tad-Deheb li nhar it-18 ta' April 2010 l-Papa Benedittu XVI poġġa quddiem ix-xbieha mirakoluża tal-Madonna ta' Pinu. F'din l-okkażjoni hu kien qalilna: "Itolbuha u sejħulha 'Sultana tal-Familja'."

Il-kwadru tal-Madonna ta' Pinu, maħdum erba' mitt sena ilu, jibqa' l-qalba ta' din id-devozzjoni Marjana. Barra li f'Ġunju 1949, f'għeluq kungress Marjan li nżamm f'Għawdex, u f'Novembru 1950, fl-okkażjoni tal-festi djoċesani speċjali tal-proklamazzjoni tad-domma tal-Assunzjoni ta' Marija, kien inħareġ mis-santwarju biex ittieħed fil-Belt Victoria, fl-1983, fl-okkażjoni tal-mitt sena mis-sejħa f'Ta' Pinu, ittieħed ukoll Malta, kif imbagħad reġa' sar fl-2010 għall-għoti tal-Warda tad-Deheb.

## ŻJARA TAL-KWADRU LILL-PARROĊĊI GĦAWDXIN

Fl-okkażjoni ta' dan l-erba' mitt anniversarju u s-sena Marjana, id-djoċesi ta' Għawdex ħadet l-inizjattiva sabiħa li bejn is-Sibt, 12 u l-Ħadd, 27 ta' Jannar 2019, il-kwadru tal-Madonna ta' Pinu dar il-parroċċi kollha ta' Għawdex u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, b'waqfa ta' madwar erbgħa u għoxrin siegħa f'kull komunità parrokkjali.

Kien mument qawwi li fih il-komunitajiet Għawdxin ħassew lil Marija qrib tagħhom u tħeġġu biex bħalha jkunu qrib tal-oħrajn. Fl-istess waqt twettaq il-kmand ta' Alla nnifsu, kif qal permezz tal-anġlu f'ħolma lil San Ġużepp: "Tibżax tieħu għandek lil Marija" (Mt. 1:20). Dan ġie magħżul ukoll bħala l-motto tas-sena Marjana.



Il-kwadru jżur l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex f'Jannar li għadda

## MARIJA SSEJĦILNA LLUM UKOLL

Kif għamlet fl-1883, meta sejħet lil Karmni Grima u Franġisk Portelli, Ommna Marija llum ukoll issejħilna, b'mod speċjali mis-santwarju nazzjonali Ta' Pinu, biex immorru għandha u hi twassalna għand Binha, b'dak l-amar sabiħ li tagħti lill-qaddejja fit-tieġ ta' Kana: "Agħmlu kulma jgħidilkom hu" (Ġw. 2:5).

Fi kliem l-Isqof Mario Grech, fil-wasla lura tal-kwadru fis-santwarju tiegħu nhar il-Ħadd 27 ta' Jannar, "issa li wassalnieha lura f'darha ħalluni nagħmlilkom sejħa minn qalbi: Tibżgħux tieħdu lil Marija għandkom! Marija hija waħda minna, minn ta' ġewwa. Insibulha post fid-dar tagħna, nirriservawlha maqgħad biex tpoġġi madwar il-mejda tal-familja, u kuljum insibu ħin noqogħdu ftit maġenbha nitkellmu magħha, possibilment bit-talba tar-rużarju. Imma jekk m'għandniex ħin, almenu ngħidu dak li talbitna hi minn dan il-kwadru: tliet Ave Marijiet."

Niftakru li Marija qatt ma ssejħilna biex nieqfu għandha biss, imma dejjem teħodna għand Ġesù. F'Ta' Pinu l-istess misteru tal-assunzjoni tagħha jfakkarna kontinwament id-destinazzjoni finali tagħna x'inhi: il-ħajja ta' dejjem fi ħdan il-Missier. ■

FR MARIO ATTARD OFMCap



# MEWT GĦAL GĦARRIEDA

Kont għadni kemm nibda naħdem fix-xift ta' billejl, eżattament kif dħalt f'sala partikolari biex inżur persuna, meta għall-ħabta tat-8.15 p.m. ġejt ippejġjat minnufih. Min-numru ntbaħt fejn ġejt imsejjaħ. Iva! Kien in-numru tar-Resuscitation Unit.

Minħabba l-urġenza tal-każ, u bħalma jiġri f'każi bħal dawn, addijo plan A. Għall-kuntrarju! Ħaffef u iġri ħa jitwettaq plan B, li mill-prattika ta' dan ix-xogħol fl-isptar malajr isir plan A. Għalhekk mort, jew aħjar, ġrejt, dejjem fil-kapaċitajiet ta' saħħti. Xħin wasalt fir-Resuscitation Unit, lill-persuna kienu għadhom ma ġabuhiex. Minn dak li smajt u minn dak li osservajt fis-sitwazzjoni bdejt nintebaħ li din kienet biċċa serja ħafna. Smajt li lit-tifla mill-ewwel bdew jagħtuha s-CPR fil-post tar-rikreazzjoni fejn kienet mal-familja tagħha. X'daqqa ta' ħarta dik, hux! Kemm hi iebsa, ħbieb, meta ħwejjeġ bħal dawn iseħħu fuq it-tfal! Fi ftit kliem, din l-aħbar ħasditni għalkollox! Għalhekk, u b'mod awtomatiku, idi ġriet fuq il-kuruna biex, bħalma nħoss li għandi nagħmel f'dawn il-każi tassew diffiċli, nibda nitlob il-Kurunella tal-Ħniena Divina.

Ma lħaqtx bdejt nitlobha li t-tifla ma ddaħħlitx fir-Resuscitation Unit. Mid-dehra tagħha ta' bla ħajja ma stajtx nieħu aħbar aktar ħarxa milli ħadt. Deher ċar li l-każ kien tabilħaqq ikrah. It-tim mediku mill-ewwel beda jintervjeni. U bħalma jiġri f'każi bħal dawn, kull membru tat-tim għamel dak kollu li kien possibbli jsir biex ħajjet it-tifla tiġi salvata. Għal xi raġuni l-ġenituri tat-tifla ma kinux preżenti magħha. X'qasma ta' qalb f'dik is-sitwazzjoni! It-tifla, anki jekk ma kinitx taf x'kien qed jiġri, kellha taffaċċja din is-sitwazzjoni iebsa totalment waħedha. U min-naħa tagħhom anki l-ġenituri kienu qalbhom maqsuma, għaliex għal xi raġuni jew oħra ma setgħux ikunu preżenti ma' binthom, li tant kellha bżonn is-sapport matern u patern tagħhom.

Wara li dlikt lit-tifla biż-żejt imqaddes u anki tajtha l-assoluzzjoni, bqajt nitlob magħha u għaliha. Ħaġa ta' qsim il-qalb, it-tifla mietet. Sadanittant ġejt mgħajjat f'sala oħra. Għalhekk kelli mmur nara x'ġara hemmhekk. Biss, qabel ma mort għedt lill-infermiera biex f'każ li jiġu l-ġenituri tibgħat tavżani minnufih. U hekk ġara, tafux! Għaliex xħin eżatt lestejt minn din is-sala, l-infermiera ċemplitli. "Patri, tista' tiġi, jekk jogħġbok? Hawn l-omm fil-viewing room. Hawn ukoll uliedha." "Iva, qiegħed fit-triq," dlonk weġibtha.

Xħin wasalt rajt xena tabilħaqq impressjonanti. L-omm kienet waħedha fil-viewing room, b'idejha fuq it-tifla. "F'isem Ġesù nordnalek biex tqum mill-mewt! F'isem Ġesù nordnalek biex tqum mill-mewt!" bdiet titlob b'insistenza. Talba wara talba! Iżda t-tifla, minkejja daqshekk talb, baqgħet ma fetħitx għajnejha. Minħabba l-intensità tat-talb tagħha ħassejt li kelli nħalli lil ommha waħedha ma' bintha. Għaliex mill-imġiba mingħajr kliem tal-omm ħassejt li riedet tibqa' magħha. Biex takkumpanjaha b'dan il-mod.

Sadanittant laħaq wasal ukoll il-missier. U meta t-tobba qalulu x'kien ġara, mill-ewwel laqa' dak li ġara. Il-biki kbir tiegħu kien tassew jaqsam il-qlub. Beda daqqa jimxi 'l hawn u daqqa 'l hemm, bħal donnu wieħed li ma jafx x'ser jaqbad jagħmel. Mit-twila sal-qasira, kemm hi tabilħaqq iebsa li titlef bint! Hekk! Ħesrem! Xena li ma ninsa qatt f'din l-istorja kienet ir-ringrazzjament li għamel il-missier lil waħda mara li kienet fuq il-post ta' dan l-inċident tassew ikrah. Għalkemm bil-mod kif beda jitħaddet kien magħluq, xorta waħda stajt nara kemm apprezza li din il-mara għamlet minn kollox biex issalva lill-għażiża bintu. Saħansitra baqgħet takkumpanjaha sal-isptar.



Din l-esperjenza ta' wġigħ il-qalb fakkritni f'dak li kien qal il-Papa Franġisku fil-katekeżi li kien ta nhar l-4 ta' Jannar 2017 dwar it-**tama Nisranija**. "Rakel 'tibki lil uliedha', imma... 'hemm tama għall-ġejjieni'":

"Kif nafu, dan it-test ta' Ġeremija mbagħad jerġa' jaqbad fuqu Mattew, li japplikah għall-ħerba tal-innoċenti (ara 2: 16-18). Test li jqegħedna quddiem it-traġedja tal-qtil ta' bnedmin li m'għandhomx min jiddefendihom, quddiem il-kruha tal-poter li jżeblaħ u jxejjen il-ħajja. It-trabi ta' Betlehem mietu minħabba f'Ġesù. U Hu, il-ħaruf innoċenti, imbagħad min-naħa tiegħu kellu jmut għalina lkoll. L-Iben ta' Alla daħal fl-uġigħ tat-tbatija tal-bnedmin. Dan ma rridux ninsewh. Meta xi ħadd idur fuqi u jagħmilli mistoqsijiet diffiċli, ngħidu aħna 'Għidli, Dun, għaliex għandhom ibatu t-tfal?' tassew jien ma nkunx naf x'naqbad inwieġbu. Ngħidlu biss: 'Ħares lejn il-kurċifiss: Alla tana lil Ibnu; hu bata, u forsi hemm issib tweġiba.' Imma tweġibiet minn hawn [juri moħħu] mhux se ssib. Huwa biss jekk inħarsu lejn l-imħabba ta' Alla li jagħti lil Ibnu, li joffri ħajtu għalina, li nistgħu nsibu xi triq ta' faraġ. U għalhekk ngħidu li l-Iben ta' Alla daħal fl-uġigħ u t-tbatija tal-bnedmin; qasam il-mewt u ħadha fuqu; kelmtu hi bla dubju ta' xejn kelma ta' faraġ għax ħierġa mid-dmugħ."

U din kienet it-talba tiegħi għal din il-mewta għal għarrieda ta' din it-tifla: *Mulej, int li dħalt fl-uġigħ u t-tbatija tagħna l-bnedmin, ħu fuqek l-uġigħ li qed iġġarrab din il-familja bħalissa minħabba telfa daqshekk kbira. Għax kelmtek, Mulej, speċjalment f'dawn il-mumenti iebsa, hija l-faraġ għal din il-familja. Għax kelmtek, Mulej, ħierġa mill-qalb mimlija mħabba tiegħek, li tħabbat kontinwament għalina l-bnedmin. Ammen.* ■

MARJOLOĠIJA

PHILIP E. SAID



# MEJJU: IX-XAHAR TA' TAMA U FERĦ



Fost ix-xhur tas-sena, Mejju hu l-aktar xahar assoċjat mal-Madonna, tant li ntgħażel bħala x-xahar ta' devozzjoni speċjali lejn il-Verġni Mqaddsa Marija. Imma għaliex intgħażel proprju dan ix-xahar u mhux xahar ieħor? Il-qaddis John Henry Newman jagħtina tweġiba. Mhux tweġiba folkloristika jew sempliċiment tradizzjonali, għax hekk saret id-drawwa fost l-Insara, imma tweġiba mibnija fuq argumenti naturali, Marjoloġiċi u teoloġiċi.

Mela l-ewwel raġuni, skont Newman, hi li Mejju hu ż żmien meta l-art tinfexx fi ħdura ta' weraq wara l-kesħa u l-ġlata tax-xitwa, wara l-atmosfera ħarxa bl-irwiefen qliel u x-xita qawwija fi dħul ir-rebbiegħa. Ħares lejn is-siġar u l-ġonna, kif inhuma mfawra bl-inwar ifewħu, u l-fjuri li qed jaħsbu biex jifthu għajnejhom lejn ix-xemx sħuna u ħanina! Il-jiem jitwalu, bix-xemx tistenbaħ aktar kmieni u torqod aktar tard. Kollox f'Mejju hu ħabbar ta' dawl u ferħ, ta' tama għal żmien aħjar meta dawl il-jum ikeċċi dlam il-lejl. Terġa' n-natura ssir mill-ġdid żagħżugħa, u f'Mejju żżurna bil-ferħ u t-tamiet sbieħ tagħha. Għall-ħajja mġedda ta' omnna n-natura, Mejju hu l-aktar kompann den biex nassoċjawh ma' dik li hi r-'roża mistika', id-'dar tad-deheb' u t-'torri tal-avorju'. Ir-roża friska bin-nida safja ta' Mejju, bħall-qamħa mdiehba fl-eqqel xahar tar-rebbiegħa, tiftaħ il-qawwa ta' sbuħitha f'Marija, verġni mingħajr ħtija.

Ħadd ma jmerihom dawn il-fenomeni naturali li jiddistingwu 'l Mejju minn xhur oħra tas-sena, bħalma ma niċħdux li f'Mejju n-natura tista' ma tkunx daqshekk ħanina magħna. Iżda nifhmu wkoll li Mejju hu żmien ta' stennija għal żmien aħjar,

għal aktar kalma fir-rebbiegħa, għal tama ta' mistrieħ fil-jiem ta' telqa fis-sħana tas-sajf. Ukoll jekk kultant jinzerta l-maltemp, Mejju jibqa' l-akbar ħabbar ta' ferħ għas-sajf, ta' tama li s-sajf mhuwiex 'il bogħod. Ix-xemx tiddi, mimlija u mdawla bis-sbuħija naturali – fil-ħsieb tal-profeta – se tidher sa fl-aħħar u mhux se torqod jew tistaħba. U jekk id-dawl u s-sbuħija jaħslu jittardjaw, nibqgħu mqajma nistennewhom għax żgur se jerġgħu jiġu. Għax Mejju, ifuħ u mdawwal bil-ferħ u t-tamiet tiegħu, ma jħallihomx jitnikkru jew fil-għażż jibqgħulna lura. U wkoll jekk mhux il-perfezzjoni tal-ġmiel, Mejju jibqa' l-akbar xahar tal-ottimiżmu għal ġejjieni isbaħ. U mhux dawn il-kwalitajiet sbieħ ta' ġmiel, tamiet u hena, li Mejju biss jaf iġib miegħu, li jġegħluna nħarsu lejn Marija u jqanqlu fina tant devozzjoni lejha, omm it-tama, il-ferħ u l-ottimiżmu fil-ħajja tagħna?

Jgħid il-profeta li għad toħroġ fergħa mill-għerq ta' Ġesse, u warda mill-friegħi tiegħu. Min hu dan iz-zokk b'saħħtu? Min hi din il-fergħa kreattiva, li minnha għad trid toħroġ tittawwal il-warda friska, jekk mhux Marija, Omm Kristu bniedem-Alla u Ommna l-bnedmin mifdija minnu?

Li Alla kellu jsir bniedem u jiġi fid-dinja tagħna kien imħabbar minn żmien ferm qabel il-profeti. Imma meta qorob lejna ż-żmien, kif tħabbritilna din il-ġrajja tal-għaġeb? Mhux mill-anġlu tal-Mulej li mar iżur lil Marija bit-tislima ħelwa li għadha ħajja sal-lum: "'Sliem għalik, mimlija bil-grazzja,' qalilha Gabrijel, 'il-Mulej miegħek; imbierka inti fost in-nisa... ghax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù...'" (Lq. 1: 28, 31). Minn dak il-ħin stess Marija saret il-wegħda ċerta tas-Salvatur li kellu jiġi. Mejju wkoll iwiegħed li għadda s-sħab iswed tax-xitwa, li jdallam u jbeżża', biex inħarsu lejn il-bnazzi u d-dawl tas-sajf bil-ferħ u t-tamiet tiegħu. Ċar mela hu l-paralleliżmu bejn Marija u Mejju: it-tnejn ifissru wegħda ta' hena, ta' tamiet għal żminijiet ġodda.

Ukoll iż-żmien tas-sena liturġika tal-Knisja jurik li Mejju jixraq li jkun ix-xahar speċjali tal-Madonna għax fih niċċelebraw l-akbar festi liturġiċi: Frar, Marzu u April iġibulna s-sawm u l-penitenza u jgħadduna għat-tifkira tar-Reżurrezzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu nhar Ħadd il-Għid. Diċembru wkoll jgħaddina miċ-ċaħdiet u l-penitenza, għalkemm imbagħad iwassalna għall-ferħ bit-tifkira tat-twelid ta' Ġesù l-Messija. Mill-banda l-oħra Mejju hu l-aktar xahar festiv bil-festa kbira tat-tlugħ fis-sema tal-Mulej Irxoxt, bil-festa mqaddsa tal-Ispirtu s-Santu u l-festa tat-Trinità qaddisa f'Alla wieħed ħaj fl-Ewkaristija mqaddsa, li tagħha nagħmlu t-tifkira ta' Corpus Christi, il-kuruna liturġika tax-xahar ta' Mejju. Hu ż-żmien tal-kant tal-Hallelujah għax Kristu qam tassew mill-mewt, tela' s-sema fil-glorja u bagħat l-Ispirtu s-Santu biex jieħu postu fil-Knisja u jkompli jqaddisna. Turina dan iċ-ċiklu tas-sena liturġika n-narrattiva tal-missjoni ta' Kristu, li b'mewtu u l-qawmien tiegħu ġabilna l-ħajja u s-salvazzjoni. Hu żmien meta għandna għax nifirħu bil-providenza bla qies li wrietna l-wiċċ ta' Alla f'Ibnu Ġesù Kristu. Hu żmien li fih nifirħu bl-imħabba ta' Alla, li ġabitilna s-santifikazzjoni fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Dawn il-misteri kbar tal-fidwa nfakkru u niċċelebraw fix-xahar ta' Mejju. Marbuta mal-persuna u l-identità ta' Kristu u mal-istorja tas-salvazzjoni hemm Marija Ommna. Jekk Mejju jfakkarna fl-istorja tal-fidwa tagħna jixraq li jfakkarna wkoll f'dik li kellha sehem daqshekk mill-qrib fl-akbar storja u fl-aktar ġrajja qaddisa.

Barra milli hi Omm Alla, Marija hi wkoll is-sultana tas-sema, fuq il-qaddisin u l-anġli kollha. U f'Mejju wkoll jiġu mfakkra qaddisin kbar bħal Gregorju VII, Piju V, Gregorju Nazjanzenu u Atanasju, wara li fit-3 ta' Mejju nkunu fakkarna l-għuda mbierka tas-salib imqaddes. Imbagħad infakkru 'l-Verġni Katerina ta' Siena u 'l Marija Magdala ta' Pazzi. Uħud minnhom jiġu mfakkra b'novena jew ottava ta' talb ta' interċessjoni. Dawn huma wħud mill-frottiet speċjali tal-grazzja ta' Alla li Mejju jfakkarna fihom. Bħala reġina tas-sema jixraq li l-Verġni mbierka Marija tkun imdawra bil-kor tal-qaddisin, li tagħhom hi reġina u li magħhom qiegħda taqsam il-kant tal-glorja u t-tifħir lil Alla – kant u tifħir li qegħdin jakkumpanjawha.

Kien fix-xahar ta' Mejju meta l-Papa Piju VII rritorna Ruma mill-eżilju fi Franza. Kien fix-xahar ta' Mejju li l-istess Papa approva d-drawwa tal-Insara li jiddedikaw 'il Mejju lill Madonna. B'żewġ digrieti tal-1815 u l-1822 ta 'l din id-devozzjoni popolari indulġenzi speċjali, u ssiġilla r-rabta ta' Mejju mal-Madonna, Omm il-Knisja, għajnuna tal-Insara u Omm il-bnedmin kollha. ■

---

**Referenzi:**
Ħsibijiet meħuda mill-ktieb ta' John Henry Newman, *Meditations and Devotions* (1893)

FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap



# IL-PAPA F'LORETO, L-ITTRA APPOSTOLIKA WARA S-SINODU TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, JUM IL-VOKAZZJONIJIET

Iż-żjara tal-Papa Franġisku fid-dar fqajra ta' Nazaret f'Loreto, fejn iffirma l-ittra appostolika *Ġesù huwa ħaj* wara s-Sinodu taż-Żgħażagħ, u l-Jum Dinji tal-Vokazzjonijiet, li jiġi ċċelebrat il-Ħadd 12 ta' Mejju li ġej, huma lkoll marbutin flimkien.



Waqt il-quddiesa fid-dar ta' Nazaret f'Loreto: purċissjoni tal-offertorju. Jidhru żewġ aħwa Kapuċċini wkoll joffru s-servizz fis-santwarju.

Id-diskors sabiħ tal-Papa Franġisku f'Loreto fil-25 ta' Marzu li għadda, jum it-Tħabbira tal-Mulej (il-Lunzjata), u l-messaġġ tal-Papa nnifsu għall-Jum Dinji tal-Vokazzjonijiet u l-eżortazzjoni appostolika *Kristu huwa ħaj* għandhom messaġġ qawwi li jwessgħu b'mod ċar l-orizzont dwar din ir-realtà kbira, urġenti u importanti ħafna għall-Knisja, għad-dinja u għalina lkoll.

## MARIJA: IL-MUDELL WAĦDIENI

Il-Papa Franġisku ma jehdiex iqiegħed lil Marija fit-tħabbira li saritilha mill-Arkanġlu Gabrijel bħala l-mudell waħdieni għal kull Nisrani. Għax l-imgħammdin kollha, bis-saħħa ta' dan is-sagrament, huma msejħin biex joffru ħajjithom b'qadi lill-Knisja u lis-soċjetà. Huwa b'hekk li s-Saltna t'Alla tista' tinħass aktar fil-ħajja tal-familja, fil-ħajja pubblika, fil-qadi fl-amministrazzjoni u l-politika u f'kull settur għall-akbar ġid ta' ħutna bnedmin. Il-Papa jsemmi dan bi kliem ċar fil-messaġġ għal Jum il-Vokazzjonijiet: "Niftakar f'dawk li jagħżlu li jiżżewġu fi Kristu u li jiffurmaw familja, kif ukoll fil-vokazzjonijiet l-oħra marbutin mad-dinja tax-xogħol u l-professjonijiet, fil-qasam tal-karità u s-solidarjetà, fir-responsabbiltajiet soċjali u politiċi, u aktar... li għandhom ħtieġa ta' Nsara kuraġġużi u awtentiċi li jibnu s-Saltna t'Alla." Ilkoll irridu nkunu protagonisti b'mod attiv, ikompli l-Papa, f'soċjetà li twarrab l-Evanġelju u li "turi li m'hemmx post fiha għal Alla", biex din tagħraf li dan mhux minnu u mhux ta' ġid biex il-bniedem jgħix id-dinjità u s-sejħa tiegħu sewwa, tkun xi tkun.

F'dinja fejn dak li jidher ħafif, li jaqbel aktar għalija skont il-mument li nkun qed ngħix, dak li llum jidhirli li huwa l-aħjar, li xi drabi jkun ukoll kontra l-pjan t'Alla nnifsu, kif spjegat minn Ġesù stess, mhux dejjem tassew ikun l-aħjar. Irridu noqogħdu attenti li ma naqgħux fix-xibka li ġejja mix-xitan u ma nitfixklux fiha!

## BIL-ĠENEROŻITÀ U L-FERĦ

Il-Papa jtenni dan speċjalment liż-żgħażagħ, imma mhux lilhom biss. Dan jgħodd għalina lkoll, kbar u żgħar, saċerdoti u lajċi u persuni kkonsagrati, dawk li ġa wieġbu s-sejħa u dawk li qegħdin ifittxu biex iwieġbu sewwa għal dak li jrid minnhom il-Mulej. "Ma rridux," jisħaq il-Papa, "li nitfixklu fix-xibka li tistordi l-qalb." Ma rridux inħallu lilna nfusna nintrebħu minn dak li jiġbidna b'saħħa lejh jew jaljenana għal ftit imma wara nfittxu u ma nsibu xejn!

U hekk hu! Irridu nħarsu lejn Marija: hija dejjem il-mudell għal kulħadd biex iwieġeb u jkompli

jwieġeb għas-sejħa tal-Mulej. Għax mhux biżżejjed twieġeb darba; trid tkompli kuljum twieġeb. Il-ġenerożità, il-ferħ u l-entużjażmu tal-bidu jridu dejjem ikomplu jakkumpanjawna tul ħajjitna kollha. Anke wara snin! Ukoll wara bosta snin! Il-fedeltà dejjiema trid tkun il-marka ta' kull min irid ikun dixxiplu veru tal-Mulej, kuljum u dejjem, biex ikun jista' jkompli l-istess missjoni ta' Ġesù fid-dinja tal-lum.

Hekk biss inkunu nistgħu ngħixu s-sejħa tagħna. Hekk biss ikollna familji sodi, mibnijin minn raġel u mara, li jibqgħu fidili għal imħabbithom lejn xulxin dejjem, quddiem Alla, u jrabbu lil uliedhom kif irid Hu stess. Hekk is-saċerdoti u l-persuni konsagrati jistgħu jibqgħu jkunu ta' servizz u eżempju akbar għall-poplu kollu Nisrani.

## STEDINA TAL-PAPA GĦALIK

U f'nota li tirrifletti dak kollu li għaddejjin minnu bħalissa fil-Knisja u fid-dinja, il-Papa jħeġġeġ lil kulħadd biex noffru lilna nfusna bi mħabba lill-Knisja, jiġifieri lill-poplu t'Alla, "anke meta f'wiċċ il-Knisja naraw it-tikmix tad-dgħufija u tad-dnub; aħna lkoll għandna nagħtu sehemna biex tkun iktar sabiħa, iktar tiddi, sabiex tista' tkun xhieda tal-imħabba t'Alla fid-dinja." Il-Papa Franġisku jistieden lill-istess żgħażagħ "jgħinu" lill-Knisja biex toħroġ iktar qaddisa. Huwa jħeġġeġ liż-żgħażagħ, u naturalment lil kulħadd, biex l-ewwel nett inħarsu lejn il-għadd kbir ta' saċerdoti li jkomplu ħidmiethom, kullimkien, b'servizz kbir lill-poplu t'Alla. Imma nkunu mħejjijin noffru kull għajnuna lis-saċerdoti jew membri tal-Knisja li setgħu żbaljaw, jew li fil-fatt żbaljaw, biex "jiftakru fl-għotja sħiħa tagħhom lil Alla u lill-poplu tiegħu... hekk nistgħu lkoll naħdmu biex dawn l-abbużi jiġu evitati" (*Kristu huwa ħaj,* 100).

F'din l-eżortazzjoni appostolika li ġiet imxandra apposta fit-2 t'April, biex tfakkar l-14-il anniversarju mill-mewt tal-Papa qaddis Ġwanni Pawlu II, il-Papa jindirizzaha bħala ittra speċjali liż-żgħażagħ. Ħafna drabi jitkellem magħhom b'qalbu f'idu u b'fiduċja kbira fihom. B'ton u stil sempliċi imma sod, "fil-mixja sinodali ndur fl-istess waqt lejn il-poplu kollu t'Alla, lejn ir-ragħajja u lejn l-Insara, għaliex ir-riflessjoni dwar iż-żgħażagħ u għaż-żgħażagħ tistieden u tqanqal lilna lkoll. Għalhekk xi drabi nkellem direttament liż-żgħażagħ u drabi oħra nagħmel proposti aktar ġenerali għad-dixxerniment ekkleżjali" (par. 3).



Il-Papa jiffirma l-eżortazzjoni fuq l-artal tal-Madonna f'Loreto



Xena fil-pjazza quddiem is-santwarju

Il-kelmiet tal-bidu huma qawwija ħafna: "Kristu huwa ħaj. Huwa t-tama tagħna; huwa l-isbaħ żgħożija ta' din Id-dinja. Dak kollu li huwa jmiss isir żagħżugħ, isir ġdid, jimtela bil-ħajja." Aħna lkoll, f'kull stat ta' ħajja, għandna nkomplu naqraw din l-eżortazzjoni jekk irridu bħala "żgħażagħ", f'kull età, inkomplu nagħtu s-servizz tagħna lill-Knisja u lil ħutna f'kull ħidma tagħna.

U fl-aħħar nett, b'ton wisq aktar familjari imma li jqanqlek tingħaqad mal-Papa f'ħidmietu għall-veru tiġdid tal-Knisja u tas-soċjetà madwarna, huwa jirrepeti kliemu li kien qal liż-żgħażagħ f'laqgħa dinjija li kienet saret f'Ruma qabel l-istess sinodu (11 ta' Marzu 2018): "Il-Knisja għandha bżonnkom. Meta intom taslu fejn aħna ma nkunux għadna wasalna, ikollkom is-sabar tistennewna." Hekk fi spirtu ta' komunjoni nagħtu sehemna lkoll flimkien.

Ejjew nitolbu ħafna aktar ma' Marija, l aktar f'dan ix xahar ta' Mejju, iddedikat lilha, biex aktar nies iwieġbu għas-sejħa tal-Mulej b'ħerqa u b'kuraġġ akbar. Ngħixu s-sejħa tagħna kif jixraq ħalli nagħmlu kuraġġ lil xulxin u lkoll nagħtu sehemna għat-tisħiħ tas-Saltna t'Alla fostna. ■

# MID-DJARJU TAL-KAPUĊĊINI MALTIN

## AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA



## MEJJU 2019

BR MIGUEL ZAMMIT OFMCap
SEGRETARJU PROVINĊJALI

### 1. IL-PREŻENZA TA' MONS. JOE ALESANDRO FOSTNA

Kif diġà konna ħabbarna fid-*Dawl Franġiskan* ta' Mejju 2019, bejn l-10 ta' Frar u t-13 ta' Marzu kellna fostna għal żjara lil Mons. Joe Alessandro OFMCap, Isqof ta' Garissa fil-Kenja. Matul ix-xahar li għadda magħna kellu diversi attivitajiet u laqgħat li żgur servew bħala mument ta' animazzjoni, bil-għan li tkompli tikber l-imħabba tal-poplu tagħna lejn il-missjoni u l-missjunarji. Diversi attivitajiet u laqgħat ġew organizzati mill-Uffiċċju Missjoni tal-Kapuċċini.



Ħuna Mons. Joe Alessandro f'laqgħa mal-Voluntiera fl-Uffiċċju tal-Missjoni fil-Furjana

Fost dawn il-laqgħat kien hemm:

• Laqgħa mal-voluntiera li hemm jaħdmu kuljum fl-Uffiċċju tal-Missjoni tal-Kapuċċini fil-Furjana. Huwa kien preżenti flimkien mal-Isqof Emeritu ta' Garissa Mons. Pawlu Darmanin OFMCap. It-tnejn li huma esprimew l-apprezzament u r-radd ta' ħajr tagħhom għal dak kollu li dan il-grupp ta' 18-il raġel qed iwettqu kuljum mingħajr l-ebda interess ħlief dak li jkunu ta' għajnuna għal min hu fil-bżonn, speċjalment fl-artijiet tal-missjoni.



Ħuna Mons. Joe Alessandro jqaddes f'waħda mil-laqgħat li kellu

• Kellu wkoll laqgħat mal-Grupp Koppji Franġiskani fil-Furjana. Huwa ltaqa' magħhom nhar l-1 ta' Marzu, meta qaddes quddiesa għalihom fil-kappella tal-Madonna ta' Lourdes imbagħad żamm laqgħa informali magħhom fiċ-Ċentru Kultura Franġiskana.

• Il-Grupp Koppji Franġiskani ħa ħsieb ukoll jorganizza ikla ta' nofsinhar f'waħda mil-lukandi fil-Qawra bħala fund raising. Għal din l-ikla attendew numru rekord ta' parteċipanti, tant li kellna ninqasmu f'żewġ restoranti. Fi tmiem l-ikla Mons. Joe Alessandro ġie mogħti ċekk ta' €17,000. Dawn inġabru minn diversi attivitajiet li dan il-grupp jorganizza minn żmien għal ieħor.

• Mons. Joe Alessandro kellu wkoll laqgħat mal-grupp Karibu Malta – grupp ta' lajċi missjunarji li taħt id-direzzjoni ta' Ħuna Fr Karmenu Aquilina OFMCap ta' kull sena jmorru jagħmlu ħidma missjunarja fil-Kenja.



Ħuna Mons. Joe Alessandro, Isqof ta' Garissa, jirċievi ċekk ta' 17-il elf ewro għall-missjoni

• Kellu diversi laqgħat oħra fil-fraternitajiet tagħna kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, u intervista fuq it-televixin minn Ħuna Fr Hayden Williams OFMCap u mis-Sur Albert Buttigieg. Kellu wkoll laqgħat oħrajn mal-Mission Fund tal-Mosta u mexxa quddiesa nhar l-Erbgħa Ras ir-Randan fil-parroċċa ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid.

Mons. Joe Alessandro OFMCap telaq lura lejn il-Kenja nhar l-Erbgħa 13 ta' Marzu bil-għan li jkompli bil-ħidma missjunarja tiegħu bħala isqof ta' Garissa. Huwa rritorna ferm aħjar fiżikament u spiritwalment, għax kull darba li jiġi Malta jistrieħ u jieħu enerġija ġdida, imma wkoll irritorna kuntent li issa, bil-flus li intom benefatturi tal-missjoni fil-Kenja tajtuh, jista' jirrealizza diversi proġetti utli għall-fqar, tfal u morda tad-djoċesi. F'ismu ngħidulkom Grazzi... Grazzi kbira! ■

## 2. ĦUNA PATRI PIETRU PAWL SCHEMBRI JIĊĊELEBRA 60 SENA SAĊERDOT

Nhar il-15 ta' Marzu Ħuna Patri Pietru Pawl Schembri OFMCap iċċelebra s-60 anniversarju mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu. Dan l-anniversarju ċċelebrah b'żewġ mumenti partikolari:

• L-ewwel mument kien permezz ta' quddiesa li ġiet organizzata mill-eks abbatini li huwa kien jieħu ħsieb meta kien direttur tagħhom bejn is-snin 1959 u 1964. L-abbatini kienu tassew numerużi u minnhom kien ukoll ħoloq kor li kien imur ikanta f'diversi parroċċi flimkien mas-Surmast Ġużeppi Camilleri. Għal Ħuna Patri Pietru Pawl l-akbar sodisfazzjon tiegħu huwa li minn fost dawn l-abbatini ħarġu erba' vokazzjonijiet kollha kemm huma Franġiskani Kapuċċini. Dawn huma: Anton Ciangura, Publius Mair, Publius Libreri u ħuh Ġużeppi Libreri. Nistgħu ngħidu li għal Patri Pietru Pawl l-attenzjoni pastorali mat-tfal u l-adolexxenti kienet kariżma li spikkat f'ħajtu, peress li l-istess xogħol huwa wettqu b'suċċess kemm f'Għawdex kif ukoll fis-snin li għamel bħala missjunarju fil-Kolombja.



Patri Pietru Pawl Schembri flimkien mal-Piccolo Clero - Kapuċċini fl-1959 - 64

• It-tieni mument kien b'quddiesa solenni li ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 24 ta' Marzu fil-knisja tas-Salib Imqaddes tal-Kapuċċini fil-Furjana. Din il-quddiesa ġiet immexxija mill-Ministru Provinċjal Ħuna Fr Effie Mallia OFMCap, li wkoll niseġ kelmtejn tal-okkażjoni. Kienu diversi l-aħwa Kapuċċini li kkonċelebraw flimkien ma' dan Ħuna Patri Pietru Pawl, fosthom il-gwardjan tal-fraternità tal-Furjana Ħuna Fr Pawl Bugeja OFMCap. Ħafna kienu l-mistiedna li attendew bil-għan li jingħaqdu miegħu sabiex iroddu ħajr lil Alla.



Ħuna Patri Pietru Pawl flimkien ma' diversi abbatini li huwa kien direttur tagħhom

Ħuna Patri Pietru Pawl, matul is-60 sena tiegħu bħala saċerdot, wettaq diversi ħidmiet. Fost dawn l-aktar żewġ ħidmiet li huma minquxa f'qalbu u ta' spiss jitkellem dwarhom huma s 6 snin li wettaq bħala missjunarju ġewwa l-Kolombja u l-40 sena bħala kappillan fl-isptarijiet. Minbarra dawn, wettaq diversi ħidmiet oħra, fosthom vigarju u viċi mastru tan-novizzi fil-kunvent ta' Għawdex u wkoll direttur tal-abbatini fil-fraternità tagħna l-Kapuċċini fil-Furjana. Lil dan Ħuna nawgurawlu ad multos annos u għomor twil mimli saħħa u aktar ħidmiet pastorali. ■



Ħuna P. Pietru Pawl Schembri flimkien mal-konċelebranti f'għeluq is-60 sena saċerdot

## 3. ĦUNA PATRI JOE MALLIA – 60 SENA SAĊERDOT

Flimkien ma' Ħuna Patri Pietru Pawl Schembri OFMCap għandna wkoll lil Ħuna Patri Joe Mallia OFMCap, li nhar il-15 ta' Marzu ċċelebra għeluq is-60 sena tiegħu bħala saċerdot. Huwa ċċelebra dan l-anniversarju b'quddiesa solenni kkonċelebrata fil-knisja ta' Santa Liberata, fil-kunvent tal-Kapuċċini fil-Kalkara, fejn huwa membru ta' din il-fraternità. Din il-quddiesa ġiet immexxija minnu stess flimkien ma' numru ġmielu ta' saċerdoti li kkonċelebraw miegħu, fosthom Ħuna Fr Effie Mallia, Ministru Provinċjal, u Ħuna Fr Joe Giuliano OFMCap, gwardjan tal-fraternità. Ħuna Fr Philip Cutajar OFMCap niseġ kelmtejn tal-okkażjoni, li fihom bena l-messaġġ tiegħu fuq il-qari tal-liturġija tal-Kelma ta' Alla tal-ġurnata (it-2 Ħadd tar-Randan), li minnu hareġ l-impenn u s-sbuħija tal-vokazzjoni saċerdotali bħala patt ta' mħabba bejn Alla u l-bniedem. Ħafna kienu dawk li laqgħu l-istedina u ngħaqdu ma' Ħuna P. Joe sabiex miegħu jroddu ħajr lil Alla għas-saċerdozju u għal kull ħidma li dan Ħuna wettaq bħala saċerdot.



P. Joe Mallia flimkien ma' P. Pietru Pawl Schembri - 60 sena saċerdoti



Il-konċelebranti flimien ma' Ħuna P. Joe Mallia dakinhar ta' għeluq is-60 sena presbiteru

Ħuna Patri Joe Mallia daqs 3 snin ilu tana bħala rigal ktieb ta' awtobijografija miktub minnu stess dwar ħajtu, bl-isem *In-Nisġa ta' Ħajti*. F'din l-opra Ħuna P. Joe, b'kapaċità letterarja u bi stil mexxej, jagħtina fid-dettall diversi rakkonti ta' ħajtu. Matul is-60 sena tiegħu bħala saċerdot huwa wettaq diversi ħidmiet li għenuh jgħix il-karizma Franġiskana, billi jżomm lilu nnifsu man-nies fqar u fil-bżonn u lilhom jgħin.

Huwa wettaq 13-il sena bħala missjunarju fl-Indja u anke għal xi żmien kien missjunarju fil-Kenja. Għadda 27 sena fil-parroċċa ta' San Ġwann, l-ewwel għal 18-il sena bħala viċi kappillan, direttur tal-Iscouts, prokuratur tal-knisja parrokkjali u responsabbli mill-festi esterni kif ukoll l-ewwel rettur taz-zona pastorali f'Taż-Żwejt. Aktar 'il quddiem, għal 9 snin sħaħ, huwa sar il-kappillan ta' din il-parroċċa ddedikata lill-Madonna ta' Lourdes. Minbarra dawn il-ħidmiet missjunarji fl-Indja u fil-Kenja, u wkoll pastorali fil-parroċċa ta' San Ġwann, huwa wkoll żvolġa l-pastorali saċerdotali tiegħu bħala gwardjan fil-fraternità tal-Madonna tal-Grazzja ġewwa Għawdex kif ukoll bħala kappillan mal-morda bil-cancer fl-Isptar Pawlu Boffa u aktar tard fl-Isptar Sir Anthony Mamo. Kien l-ewwel kappillan tal-Akkademja tal-Pulizija u aktar tard tal-Pulizija fil-kwartieri tagħhom fil-Furjana.

Lil dan Ħuna Patri Joe Mallia nawgurawlu għomor twil biex sa fejn u kemm tippermettilu saħħtu jkompli jingħata b'ferħ u mħabba kbira b'appostolat fejjiedi għan-nies li jfittxuh. Min-naħa tagħna nkomplu nitolbu għalih u nitolbu sabiex il-Mulej ikompli jagħni l-provinċja tagħna bħala Kapuċċini b'aktar vokazzjonijiet, vokazzjonijiet qaddisa u missjunarji. *Ad multos annos!* ■

## 4. ĦUNA FR ARNOLD SHIRIMA FOSTNA

Bejn il-15 u t-22 ta' Marzu 2019 kellna żjara oħra importanti mill-Kenja. Wara li gawdejna ż-żjara ta' Mons. Joe Alessandro OFMCap, Isqof ta' Garissa, u wkoll iż-żjara ta' Ħuna Fr Joseph Mutuse OFMCap, saċerdot Kenjan u segretarju tal-Isqof Mons. Joe Alessandro, issa kellna t-tielet żjara fi żmien xahrejn, din id-darba ta' Fr Arnold Shirima OFMCap, saċerdot Kenjan li huwa wkoll l-ewwel kunsillier tal-kustodja. Huwa ġie f'isem is-superjur Kapuċċin fil-Kenja, li huwa Ħuna Fr Paul Silas OFMCap, bil-għan li jissaħħaħ il-kuntatt tagħhom magħna bħala l-mother province tagħhom. Kuntatt li b'mod pożittiv dejjem għandu jibqa' jinżamm.



Fr Arnold Shirima flimkien ma' Fr Philip Cutajar

Ħuna Fr Arnold matul il-ġimgħa li għadda magħna kellu diversi laqgħat. Fost dawn kellu laqgħat ma' diversi eks missjunarji fil-Kenja, li wħud minnhom kienu formaturi jew superjuri matul is-snin tal-formazzjoni tiegħu, fosthom Fr Publius Mair OFMCap u Fr Spiro Galea OFMCap. Kellu diversi laqgħat ukoll ma' eks missjunarji oħrajn, fosthom Mons. Pawlu Darmanin OFMCap, Isqof Emeritu ta' Garissa, Fr Hilary Abela OFMCap u Br John Cassar OFMCap. Huwa wkoll mexxa l-quddiesa li tiġi ċċelebrata kull nhar ta' Ħadd lill-komunità Eritreana f'Malta.



Ħuna Fr Arnold Shirima flimkien mal-komunità tal-Eritreani f'Malta

Żamm laqgħa ta' importanza mal-Ministru Provinċjal Ħuna Fr Effie Mallia OFMCap. Matul din il-laqgħa, Ħuna Fr Arnold ippreżenta xi proġetti, li wħud minnhom diġà qegħdin fl-iżvilupp tagħhom u oħrajn ġodda, bil-għan li min-naħa tagħna nkunu nistgħu noffru l-għajnuna ekonomika tagħna.

Għal Ħuna Fr Arnold din kienet l-ewwel esperjenza tiegħu li vvjaġġa lejn l-Ewropa, u għalhekk l-ewwel darba li ġie Malta. Baqa' tassew impressjonat mhux biss bis-sbuħija u l-kultura ta' pajjiżna imma wkoll bil-ħajja kemm spiritwali u anke pastorali li aħna l-Kapuċċini qed ngħixu f'Malta. Huwa baqa' ferm edifikat jara l-patrijiet kollha, speċjalment dawk anzjani, jibqgħu impenjati f'diversi ħidmiet fil-kunventi u anki barra minnhom. ■

## 5. IRTIR GĦAR-RANDAN 2019

Bħal kull sena għaż-żmien tar-Randan imqaddes jiġi animat irtir ta' ġurnata għall-membri tal-Grupp Miżżewġin Franġiskani, li jiltaqgħu kull nhar ta' Ġimgħa fiċ-Ċentru Kultura Franġiskana fil-Furjana. Din is-sena kienet inizjattiva li ġiet ferm apprezzata, għall-fatt li magħhom għal dan l-irtir ingħaqdu l-membri voluntiera tal-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini flimkien man-nisa tagħhom.

Dan l-irtir sar nhar it-Tlieta 19 ta' Marzu fid-dar tal-irtiri Il-Lunzjata, li l-patrijiet Karmelitani għandhom fir-Rabat, Malta. Ġie animat minn Mons. Dun Charles Attard, direttur tal-Moviment ta' Kana. It-tqassim tal-ġurnata kien li fil-ftuħ ġiet iċċelebrata l-quddiesa tas-solennità ta' San Ġużepp, b'omelija dwar il-qaddis; wara saru żewġ taħditiet, b'pawsa għall-kafè bejniethom; wara l-ikla ta' nofsinhar il-grupp ġie mqassam f'diversi gruppi għall-workshops, fejn kulħadd kellu l-opportunità li jitkellem u jwieġeb għal diversi mistoqsijiet li ġew ippreparati mill-animatur tal-irtir. Il-ġurnata ntemmet b'mument ta' evalwazzjoni ferm pożittiva u b'mument ta' talb. ■



Il-voluntiera tal-Uffiċċju Missjoni flimkien mal-Grupp Koppji Miżżewġa għall-irtir tar-Randan 2019

## 6.FR SILVESTRU BONAVIA JNIEDI L-KTIEB DWAR IL-KITBIET TA' ĦUH KARMENU

Fil-15 ta' Marzu 2019 tnieda l-ktieb *Karmenu Bonavia u Kitbietu – Ħaż-Żabbar, il-Madonna tal-Grazzja u s-Santwarju Tagħha*, xxxvii, 375, u 64 pp. ritratti bil-kulur. Ħuna Silvestru ilu jaħdem fuq dan il-volum għal dawn l-aħħar xhur, u fih ġabar l-artikli kollha studjati u msaħħin bl-għejun u n-noti mill-arkivji tal-parroċċa, tal-Arċidjoċesi, Nazzjonali, Notarili u aktar. Dawn kienu ġew miktuba u mxandra minn ħuh Karmenu f'medda ta' sittin sena mill-1957 sakemm miet fl-2017. Karmenu kiteb fuq Ħaż-Żabbar, id-devozzjoni tul is-sekli lejn il-Madonna tal-Grazzja u l-bini tas-santwarju tagħha f'Ħaż-Żabbar. It-tnedija tal-ktieb saret fil-Mużew tas-Santwarju, li Karmenu kien kofundatur tiegħu mal-Kappillan Dun Ġużepp Zarb.



Ħuna P. Silvestru Bonavia jippreżenta l-ktieb ta' ħuh Karmenu lill-Prof. Albert Borg

Fis-serata organizzata mill-Akkademja tal-Malti flimkien mal-Mużew tas-Santwarju u l-Kunsill Lokali tkellmu Dr Olvin Vella dwar ir-riċerka ta' Karmenu fuq Mikiel Anton Vassalli; is-Sur Michael Buhagiar dwar "Karmenu – l-Istoriku ta' Ħaż-Zabbar" (dan id-diskors inqara mis-Sur Gużeppi Theuma għax dakinhar stess mietet omm Michael); Ħuna Silvestru tkellem dwar it-tifkiriet tiegħu ta' ħuh Karmenu fl-istudji u t-tiftix u l-pubblikazzjoni ta' kitbietu; il-Prof. Manwel Mifsud damm poeżija ta' 36 strofa b'rima ħelwa ħafna u ħsibijiet tassew mill-qalb dwar ħajjet Karmenu bħala membru tas-Soċjetà tal-MUSEUM, bħala studjuż, riċerkatur u xandar dwar Vassalli, Ħaż-Żabbar u l-Madonna, u wkoll bħala għalliem u edukatur.

Is-Sur David Agius-Muscat mexxa s-serata, li fi tmiemha Ħuna Silvestru ppreżenta kopji tal-ktieb lill-Prof. Albert Borg, President tal-Akkademja tal-Malti, li tagħha Karmenu kien membru onorarju, u lil xi oħrajn. Fost dawk preżenti kien hemm il-Ministru Provinċjali Ħuna Effie Mallia u grupp ta' aħwa, u għadd kbir ta' ħbieb u kollegi ta' Karmenu flimkien ma' rappreżentanza mill-komunità parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar. ■

FR PAUL BUGEJA OFMCAP



# PULPETTI TA' SAN FILIPPU NERI



*San Filippu Neri twieled fit-22 ta' Lulju 1515 ġo Firenze, l-Italja. Sa minn meta kellu 18-il sena huwa offra lilu nnifsu lil Alla. Hu ħadem ħafna fost il-morda u l-fqar ta' żmienu. Kien ordnat saċerdot fl-1551. Miet fil-25 ta' Mejju 1595 wara marda twila. Il-festa ta' San Filippu Neri taħbat fis-26 ta' Mejju.*

*Jingħad li San Filippu Neri kien iħobb ħafna dawn il-pulpetti. Fit-tradizzjoni mhux biss dawn huma marbuta miegħu, iżda wkoll teżisti kanzunetta dwar dawn l-imberkin pulpetti, li jingħad li kitibha hu.*



## Ingredjenti

- 5 bajdiet
- 200 gr ġobon tal-ħakk
- 180 gr qalba tal-ħobż imfarrka
- tewm
- tursin
- żejt
- melħ u bżar

## Tisjir

1. Ħallat sewwa l-ingredjenti kollha flimkien, barra ż-żejt.
2. Saħħan iż-żejt ġot-taġen.
3. Ħu mgħaref mimlijin bit-taħlita u aqlihom sewwa miż-żewġ naħat sa ma jiħmaru. ■





KOMPETIZZJONI

FR WISTIN ATTARD OFMCap

# AĦSEB U WIEĠEB

# ROKNA GĦAT-TFAL

1. Il-Bhima kienet qisha: baqra, iljunfant, pantera. (Apk. 13, 2)
2. Ġesù kellem lin-nies minn fuq: għolja, dgħajsa, blata. (Mt. 13, 2)
3. Eħfef ġemel jgħaddi minn: triq, sqaq, għajn ta' labra. (Mk 10, 25)
4. Ġesù qal lil-lebbruż: Iva, irrid; Ma rridx; Mur 'l hemm. (Lq. 5, 13)
5. Dan qal li hu d-dawl tad-dinja: Luċifru, Nikola, Ġesù. (Ġw. 9, 5)
6. Ir-raġel kien qed jaqra l-ktieb ta': Danjel, Isaija, Ġona. (Atti 8, 28)
7. Fetħet fommha biex: titlob, tkanta, tidgħi. (Apk. 13, 6)
8. Iż-żerrigħat li waqgħu mal-mogħdija: naqqruhom l-għasafar, nixfu, kibru. (Mt. 13, 4)
9. Għal Alla: xejn tqil, kollox jista' jkun, xejn mhu xejn. (Mk 10, 27)
10. Ġesù kien ifittex xi mkien imwarrab biex: jistrieħ, jiekol, jitlob. (Lq. 5, 16)

# TISLIBA NRU 174



1. Dan ifisser numru kbir ħafna. (Ħab. 1, 9) (5)
2. Agħmel hekk f'Alla. (S. 42, 6) (6)
3. ... nerġa' nieħu lura s-saltna. (1 Mak. 15, 3) (5)
4. Hekk għamlu l-bhejjem mill-arka. (Ġen. 8, 19) (5)
5. Ġotam, ... u Ħeżekija. (Hos. 1, 1) (4)
6. Il-Ġebusi. (1 Kron. 21, 15) (5)
7. **Iżjed** minn sħabi kollha tampari. (Gal. 1, 14) (5)
8. Mill-ewwel sal-... tas-sena. (Dt. 11, 12) (5)
9. Kemm sabet li kellha xgħir. (Rt 2, 17) (3)
10. Hekk huma n-nagħaġ. (Għan. 4, 2) (7)
11. u 12. Ilbes dan tal-ġustizzja. (Bar. 5, 2) (6)
13. Lejn liema muntanja ħarbu. (Tob. 1, 21) (6)
14. Dan ... għandu jiekol. (2 Tess. 3, 10) (5)
15. Bla din u vojta. (Tit. 3, 9) (5)
16. Intom li ... ma kontux poplu. (1 Pt. 2, 10) (5)
17. Ordna lilek, Abisaj u dan. (2 Sam. 18, 12) (5)
18. Ma ridtx hekk b'karti u linka. (2 Ġw. 12) (7)
19. X'jisimha l-belt fejn mar. (Lq. 7, 11) (4)
20. 'L hawn u 'l hemm fuq din. (Żak. 1, 10) (3)
21. X'kulur sar ilbiesu. (Mk 9, 3) (5)
22. Ta' min iħabbar din. (Is. 52, 7) (5)

Agendabookshop

Soluzzjoni għal Tisliba #173

1. Kotra; 2. Idejna; 3. Fidda; 4. Ċorma; 5. Nbus; 6. Ħaruf; 7. Ordni; 8. Oqbra; 9. Raj; 10. Damasku; 11. u 12. Mantar; 13. Artali; 14. Ħsara; 15. Imrar; 16. Anqas; 17. Frott; 18. Salamun; 19. Luqa; 20. Tir; 21. Raqda; 22. Allat.

Ir-rebbieħa tax-xahar ta' April 2019

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni AQTA' MIN - Nru 35 huwa KYRON VELLA - 43, 'Clove Hitch' - Triq Louis Sciberras - il-FGURA. Ir-rebbieħa tat-Tisliba Nru 173 huwa: NAZZARENO FARRUGIA - 141, Triq il-Karmnu - il-Fgura - FGR 2105. Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA'TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

1. Borża ta' studju
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu Jadotta Ilek bIllI JItlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI.** Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€5.

3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv.

4. Bażar b'risq il-missjoni
jkun miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 a.m. u l-11.30 a.m. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema, Paola, Sta Luċija, Ħal Tarxien, L-Imsida u San Ġiljan.

6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

7. Intenzjonijiet għall-quddies
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI THALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.




**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**


BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
HSBC Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
HSBC Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052